L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima



# EMSA STRATEĠIJA TA' 5 SNIN 2020–2024

EMSA

# EMSA
# STRATEĠIJA
# TA' 5-SNIN

EMSA

# WERREJ


Daħla mid-Direttriċi Eżekuttiva 4

Stqarrija tal-President tal-Bord Amministrattiv 5



## KAPITLU 1

STABBILIMENT TAL-KUNTEST 6

1.1 Ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija ta' 5 snin 7
1.2 Il-mandat tal-emsa 8
1.3 Il-kuntest istituzzjonali u l-qafas ta' politika 9
1.4 Metodoloġija għall-iżvilupp tal-Istrateġija ta' 5 snin 12
1.5 Implimentazzjoni u indikaturi 13
1.6 Il-cluster marittimu tal-UE 14

## KAPITLU 2



VIŻJONI, MISSJONI U VALURI 20

## KAPITLU 3

IL-PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI TAL-EMSA 22

3.1 Sostenibbiltà 23
3.2 sikurezza 26
3.3 sigurtà 30
3.4 Simplifikazzjoni 32
3.5 Sorveljanza 34



## KAPITLU 4

L-APPROĊĊ U L-IDENTITÀ TAL-EMSA 38

4.1 ir-rwoli u r-relazzjonijiet fis-settur 39
4.2 L-identità tal-organizzazzjoni 47



## DAĦLA MID-DIRETTRIĊI EŻEKUTTIVA

Din l-Istrateġija ta' 5 snin tal-EMSA waslet fil-ħin opportun: fil-quċċata ta' mewġa ġdida li se jkollha impatt kbir fuq il-perkors tat-trasport marittimu u fuq l-atturi u l-ħajjiet kollha marbuta miegħu.

L-ambjent tela' fil-quċċata tal-aġenda kullimkien – f'kull rokna tad-dinja u f'kull settur. Dan jimplika l-multiplikazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-integrazzjoni tal-isforzi tagħna fil-qasam marittimu, mhux biss biex nipprevjenu u nirrispondu għat-tniġġis, iżda wkoll biex ngħinu sabiex jinbena settur marittimu ġenwinament sostenibbli li jista' jikkontribwixxi is-sehem ġust tiegħu għall-ekonomija ċirkulari u għall-ambizzjoni tal-UE ta' impatt newtrali fuq il-klima.

It-teknoloġija hija l-kwistjoni kbira l-oħra li qiegħda tiddefinixxi mill-ġdid b'mod profond is-settur tagħna. Id-diġitalizzazzjoni hija aspett wieħed, b'konsegwenzi vasti. Jekk tiġi sfruttata tajjeb, hemm opportunitajiet biex l-industrija tat-tbaħħir tagħna ssir aktar nadifa, iktar sikura, iktar sempliċi u iktar sigura, per eżempju billi jintuża l-potenzjal tal-awtomatizzazzjoni jew tal-Intelliġenza Artifiċjali. Iżda dawn l-opportunitajiet jiġu bi sfidi għas-sikurezza u s-sigurtà li jeħtieġ li jiġu ġestiti b'attenzjoni, biċ-sigurtà informatika tkun it-tħassib ewlieni.

L-għarfien huwa l-aktar mezz b'saħħtu hekk kif nimxu 'l quddiem. Mhux biżżejjed li tinġabar id-*data*, din għandha tiġi trasformata f'għodod u servizzi intelliġenti. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni trid tkun prijorità sabiex tiġi appoġġata kooperazzjoni effettiva u inklużiva. Il-bini tal-kapaċitajiet se jkompli jkun komponent essenzjali ta' ċiklu pożittiv b'rabta mal-prattiċi, il-gwida u l-istandards, fl-UE u lil hinn.

Huwa ta' pjaċir għalija li nippreżenta din il-viżjoni li tibni fuq 15-il sena solidi ta' esperjenza u għarfien espert fil-qasam tas-sikurezza marittima, id-dinja li ngħixu fiha u li qiegħda tinbidel b'pass mgħaġġel. Nemmen li din tistabbilixxi t-triq it-tajba għall-Aġenzija għall-ħames snin li ġejjin – sabiex l-EMSA tkun tista' tgħin lis-settur marittimu jimxi mal-mewġa ġdida b'kunfidenza.

Ir-ringrazzjamenti sinċieri tiegħi jmorru għal dawk kollha li kkontribwew permezz tal-ħin u l-enerġija għal dan il-proċess ta' tfassil ta' din l-istrateġija, lill-Bord Amministrattiv tagħna, kemm il-President kif ukoll il-membri li nġabru flimkien lura f'Marzu 2019 u lill-persunal tagħna li ffaċilita dan l-iskambju interattiv.

**Maja Markovčić Kostelac**
Direttriċi Eżekuttiva



## STQARRIJA TAL-PRESIDENT TAL-BORD AMMINISTRATTIV

Huwa ta' pjaċir tiegħi li nippreżenta l-Istrateġija ta' 5 snin il-ġdida tal-EMSA żviluppata taħt it-tmexxija tad-Direttriċi Eżekuttiva, is-Sinjura Maja Markovčić Kostelac. It-tħejjija tal-istrateġija tirrifletti proċess pjuttost inklużiv fejn kull membru tal-Bord Amministrattiv ġie involut b'mod attiv kif ukoll il-persunal kompetenti tal-EMSA.

L-istrateġija l-ġdida waslet fi żmien meta s-settur marittimu – kemm fl-UE kif ukoll globalment – qed jiffaċċja sfidi u opportunitajiet storiċi. It-tniġġis żero, id-dekarbonizzazzjoni, is-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni, l-iskambju tad-*data*, is-sikurezza u s-sigurtà, il-konformità u l-infurzar effettiv huma kollha suġġetti li s-settur se jiġi ttestjat bihom u li jrid jindirizza fis-snin li ġejjin. Fi żminijiet bħal dawn, faċilitatur b'saħħtu tal-għarfien u l-kollaborazzjoni huwa essenzjali biex wieħed ilaħħaq mal-isfidi b'mod effettiv u jimxi 'l quddiem u lil hinn. Bl-istrateġija, l-EMSA tieħu dan ir-rwol ta' faċilitatur għall-benefiċċju tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri.

Bil-ħames prijoritajiet tal-istrateġija ġdida – is-Sostenibbiltà, is-Sikurezza, is-Sigurtà, is-Simplifikazzjoni u s-Sorveljanza – l-EMSA wittiet it-triq bħala ċentru ta' eċċellenza fil-qasam marittimu Ewropew li se jwassal lill-EMSA biex twettaq l-għan tal-Aġenzija li tiżgura livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima, sikurezza marittima, il-prevenzjoni ta', u r-rispons għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti kif ukoll ir-rispons għat-tniġġis marittimu kkawżat mill-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

Bil-persunal u l-maniġment impenjat u kompetenti ħafna tal-EMSA, l-istrateġija se tkun fl-aħjar idejn, u flimkien mal-Bord Amministrattiv kollu, inħares 'il quddiem għall-implimentazzjoni b'suċċess tagħha.

**Andreas Nordseth**
President tal-Bord Amministrattiv

KAPITLU 1

# STABBILIMENT TAL-KUNTEST



## 1.1 ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ISTRATEĠIJA TA' 5 SNIN




### Ġestjoni organizzattiva moderna

effiċjenti, orjentata lejn il-partijiet interessati, intelliġenti, trasparenti
u bbilanċjata bejn is-sessi

## Introduzzjoni għall-ħames prijoritajiet strateġiċi tal-EMSA

### SOSTENIBBILTÀ

Tikkontribwixxi għall-aġenda ekoloġika Ewropea għat-trasport marittimu billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tipproteġi l-ambjent marittimu, timmaniġġja t-tibdil fil-klima u twieġeb għall-isfidi ambjentali ġodda.

### SIKUREZZA

Tikkontribwixxi għal standards ogħla ta' sikurezza marittima, tantiċipa sfidi u aspettattivi ġodda għas-sikurezza marittima, u tipprovdi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien bil-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-diżgrazzji marittimi u fit-telf tal-ħajja umana.

### SIGURTÀ

Issaħħaħ is-sigurtà marittima fl-Ewropa u globalment fejn ikun hemm interess Ewropew.

### SIMPLIFIKAZZJONI

Tiffaċilita s-simplifikazzjoni tat-tbaħħir tal-UE billi tappoġġa soluzzjonijiet marittimi diġitali fl-UE kollha.

### SORVELJANZA

Issaħħaħ ir-rwol tal-EMSA bħala ċ-ċentru ewlieni ta' ġestjoni tal-informazzjoni għas-sorveljanza marittima.

## 1.2 IL-MANDAT TAL-EMSA

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, li jistabbilixxi l-EMSA, huwa l-bażi legali li tiddefinixxi l-objettivi u l-kompiti tal-EMSA u hija l-qafas biex tiġi żviluppata l-Istrateġija ta' 5 Snin il-ġdida tal-EMSA.

Dan ir-Regolament ta' Twaqqif ġie emendat diversi drabi. L-impatt prinċipali tar-reviżjoni tal-2013 kien l-estensjoni ġeografika tal-kompiti ta' assistenza, kooperazzjoni, rispons u monitoraġġ għal settijiet differenti ta' pajjiżi terzi; l-estensjoni tal-kompiti ta' rispons għat-tniġġis marittimu minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass; u l-possibbiltà li jintużaw l-għarfien espert u l-għodod rikonoxxuti tal-Aġenzija għal kompiti anċillari fosthom l-appoġġ għall-istabbiliment ta' spazju ta' trasport marittimu Ewropew mingħajr fruntieri, u b'hekk il-benefiċċji jiġu estiżi għal oqsma ta' politika relatati.

L-aktar emenda reċenti ta' dan ir-Regolament (ir-Regolament (UE) Nru 2016/1625 tal-14 ta' Settembru 2016), li daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2016, għandha l-għan li tiżviluppa kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta billi tiżviluppa aktar forom ta' kooperazzjoni bejn l-EMSA, il-Frontex (l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) biex ittejjeb is-sinerġiji bejn dawn l-aġenziji, sabiex jipprovdu servizzi aktar effiċjenti u kosteffettivi bi skopijiet multipli lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta.

### L-attivitajiet li għaddejjin bħalissa tal-Aġenzija taħt il-mandat attwali jistgħu jiġu deskritti b’mod wiesa' bħala:

- Tipprovdi assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza marittima, is-sigurtà, il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti u s-simplifikazzjoni amministrattiva tat-trasport marittimu;
- tissorvelja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE permezz ta' żjarat u spezzjonijiet;
- tindirizza l-element uman fis-sikurezza marittima;
- tippromwovi l-kooperazzjoni ma', u bejn, l-Istati Membri;
- tibni l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
- tipprovdi appoġġ operazzjonali, inkluż l-iżvilupp, il-ġestjoni u ż-żamma ta' servizzi marittimi integrati relatati mal-bastimenti, il-monitoraġġ tal-bastimenti u l-infurzar;
- twettaq kompiti ta' tħejjija operazzjonali, detezzjoni u rispons fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u t-tniġġis marittimu minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass;
- tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta għas-sikurezza, is-sigurtà, il-ħarsien tal-ambjent, l-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri marittimi u tas-sajd.

## 1.3 IL-KUNTEST ISTITUZZJONALI U L-QAFAS TA’ POLITIKA

L-EMSA għandha rwol importanti x'taqdi fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea. L-ambjent ta' ħidma tal-Aġenzija jirrifletti l-inizjattivi mnedija mill-UE fl-oqsma kollha ta' politika relatati mal-ibħra sabiex issaħħaħ il-kompetittività, it-tkabbir sostenibbli u l-ekonomija blu tal-Ewropa, kif ukoll jikkontribwixxi għall-aġenda tas-sigurtà u l-profil internazzjonali tal-UE.

### Patt Ekoloġiku Ewropew: li jkun l-ewwel kontinent newtrali għall-klima b'ambizzjoni ta' tniġġis żero

Il-portafoll estensiv ta' azzjonijiet tal-Aġenzija biex tipprevjeni t-tniġġis mill-bastimenti u tirrispondi għat-tniġġis mill-bastimenti u t-tniġġis marittimu minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass jappoġġa l-linja marittima tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u jikkontribwixxi għall-prevenzjoni u għall-mitigazzjoni tat-tniġġis tal-baħar u tal-arja u tat-tibdil fil-klima mill-angolu marittimu. Din il-ħidma tirrappreżenta l-perspettiva marittima tal-ewwel ambizzjoni kbira tal-Kummissjoni li tippromwovi ekonomija ċirkolari, nadifa, reżiljenti u lesta għall-futur, tadotta miri aktar ambizzjużi ta' tnaqqis fl-emissjonijiet għall-2030 filwaqt li timmira għal emissjonijiet żero, u tippreserva l-ambjent naturali tal-Ewropa.

### Ekonomija li taħdem għan-nies: il-bini tal-ġustizzja soċjali u l-prosperità

Il-kontribut tal-Aġenzija għall-kompetittività u t-tkabbir huwa ta' rilevanza partikolari. Bi kważi 90% tal-kummerċ estern tal-merkanzija tal-UE trasportat bil-baħar u t-trasport reġjonali bil-baħar jirrappreżenta 40% tal-iskambji intra-UE, l-industriji marittimi huma sors importanti ta' impjieg u ta' dħul għall-ekonomija Ewropea. Billi tappoġġa l-implimentazzjoni ta' qafas attraenti u kompetittiv għal tbaħħir ta' kwalità, operaturi ta' kwalità u impjiegi ta' kwalità, l-Aġenzija tikkontribwixxi għat-tieni ambizzjoni l-kbira tal-Kummissjoni li tibni ekonomija għanja u ġusta.

### Ewropa adatta għall-era diġitali: sfruttar tal-opportunitajiet tal-era diġitali fi ħdan fruntieri sikuri u etiċi

L-isforzi tal-EMSA biex tappoġġa s-simplifikazzjoni tat-tbaħħir tal-UE billi tnaqqas il-piż u żżid l-effiċjenza fir-rigward tal-firxa ta' rekwiżiti ta' rappurtar u amministrattivi, jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew mingħajr Fruntieri. B'dan il-mod, l-EMSA tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-suq uniku fis-settur marittimu bbażat fuq soluzzjonijiet diġitali.

Barra minn hekk, l-EMSA tipprovdi portafoll estensiv ta' għodod diġitali biex tappoġġa r-responsabbiltajiet ta' Stat tal-bandiera, tal-port u kostali tal-Istati Membri.

Il-ħidma li għaddejja tal-Aġenzija għal aktar integrazzjoni tad-*data* u pproċessar intelliġenti tal-informazzjoni hija konformi mal-attenzjoni mill-qrib li qiegħda tingħata lil ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji fosthom l-intelliġenza artifiċjali u l-potenzjal tagħhom biex jgħinu sabiex jinstabu soluzzjonijiet għal firxa ta' sfidi. Bl-istess mod, l-Aġenzija żiedet il-kapaċità u s-sigurtà diġitali tagħha biex tħejji għal meta l-partijiet interessati jkunu lesti u l-istandards ikunu fis-seħħ (l-"Att dwar is-Servizzi Diġitali" futur) biex issir bidla mill-"ħtieġa ta' tagħrif" għall-"ħtieġa ta' kondiviżjoni".

### Promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna: nipproteġu ċ-ċittadini tagħna u l-valuri tagħna

Fl-ambitu tal-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, l-EMSA ngħatat il-kompitu espliċitu li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u tappoġġa l-operazzjonijiet bi skopijiet multipli fil-kuntest tar-risposta għall-kriżi tal-migrazzjoni u

tas-sigurtà. Fil-fatt il-kapaċitajiet ta' sorveljanza tal-EMSA jappoġġaw firxa ta' funzjonijiet fis-settur marittimu u diġà kkontribwew għall-protezzjoni tal-flotta tal-UE kontra atti illegali bħall-piraterija u s-serq bl-użu tal-armi. Flimkien ma' appoġġ dejjem jiżdied lill-Kummissjoni fir-rigward tal-verifika tal-konformità mas-sigurtà tal-bastimenti u tal-faċilitajiet portwali, l-Aġenzija qiegħda tikkontribwixxi dejjem aktar għall-isforzi biex tiżdied il-kooperazzjoni dwar sigurtà fl-UE skont ir-raba' ambizzjoni l-kbira tal-Kummissjoni.

**Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja: insaħħu l-marka unika tagħna ta' tmexxija globali responsabbli**

L-assistenza teknika pprovduta lill-pajjiżi ta' adeżjoni jew ġirien bil-mekkaniżmi tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tappoġġa l-approssimazzjoni tal-istandards tal-UE u tkopri l-oqsma kollha tal-ħidma tal-Aġenzija. Flimkien mal-assistenza lil pajjiżi terzi fil-kuntest tal-Kontroll tal-Istat tal-port u lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-kooperazzjoni reġjonali fil-livell ta' baċin tal-baħar, ir-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-OMI, u l-interazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti fosthom il-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali, fdati bil-protezzjoni tal-ambjent marittimu u kostali, din il-ħidma tikkontribwixxi biex jogħla l-profil internazzjonali tal-UE fis-settur marittimu madwar id-dinja kollha u biex tintlaħaq il-ħames ambizzjoni l-kbira tal-Kummissjoni ta' Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja.

L-EMSA tibqa' b'għeruq sodi fil-portafoll tat-trasport tal-Kummissjoni. L-Aġenzija tinsab f'pożizzjoni tajba biex tappoġġa l-linja marittima tal-**missjoni tat-trasport** il-ġdida, li fuq naħa waħda tenfasizza ir-rwol tat-trasport għall-moviment liberu tal-persuni, is-servizzi u l-merkanzija, u fuq in-naħa l-oħra r-responsabbiltà tas-settur tat-trasport li jisfrutta l-potenzjal tat-tranżizzjonijiet kemm klimatiċi kif ukoll diġitali u taħdem favur mobbiltà sostenibbli u intelliġenti. L-attivitajiet tal-Aġenzija taħt l-intestaturi tas-sostenibbiltà u tas-simplifikazzjoni jikkontribwixxu direttament għal dawn l-ixpruni.

Fl-istess ħin, l-ogħla standards ta' sikurezza jibqgħu prijorità ewlenija għall-missjoni dwar it-trasport quddiem iż-żieda fit-traffiku u t-theddid aktar kumpless għas-sigurtà. Il-ħidma li ilha għaddejja tal-Aġenzija tikkontribwixxi direttament għal din il-prijorità: taħt l-intestatura tas-sikurezza biex tgħin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u standards dwar is-sikurezza marittima, tindirizza l-element uman fit-tbaħħir u tibni l-kapaċità; taħt l-intestatura tas-sigurtà biex tappoġġa sigurtà aħjar fil-portijiet u fuq il-bastimenti iżda tikkontribwixxi wkoll biex jiġu evitati atti li mhux permessi jew illegali; u, taħt l-intestatura tas-sorveljanza, li tipprovdi servizzi operazzjonali ta' monitoraġġ u sorveljanza tat-traffiku marittimu biex jappoġġaw l-implimentazzjoni u l-infurzar.

Il-ħidma tal-EMSA tikkontribwixxi wkoll għal għadd ta' portafolji oħra. L-ekonomija blu hija ferm enfasizzata taħt il-**Patt Ekoloġiku Ewropew** għall-kontribut potenzjali tagħha għad-dekarbonizazzjoni u finalment l-ambizzjoni ta' newtralità klimatika. B'mod speċifiku fil-kuntest tal-**missjoni dwar l-ambjent, l-oċeani, u s-sajd**, huma ċentrali l-isforzi għall-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli. L-EMSA tinsab f'pożizzjoni li tikkontribwixxi fuq diversi fronti, billi tfittex li trażżan is-sustanzi niġġiesa – l-emissjonijiet, il-mikroplastika, is-sustanzi perikolużi – u lil min iniġġes, b'servizzi integrati ta' sorveljanza u firxa ta' għodod ta' monitoraġġ, rappurtar u infurzar, u tappoġġa l-effiċjenza enerġetika u r-rwol tal-gass naturali likwifikat u sorsi alternattivi oħra ta' enerġija, parti mill-missjoni tal-portafoll tal-**enerġija** fit-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-karbonju.

Il-**missjoni tas-Suq Intern** tenfasizza t-tranżizzjoni diġitali li qed taffettwa s-setturi kollha tal-ekonomija u bħala fattur ewlieni għat-tisħiħ tas-suq intern. L-EMSA tappoġġa d-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-tbaħħir tal-UE biex tagħmel it-trasport marittimu aktar effiċjenti. L-Intelliġenza Artifiċjali hija waħda mill-opportunitajiet ewlenin marbuta ma' dan il-portafoll u li l-Aġenzija se tkun qed tuża biex issaħħaħ is-sikurezza, is-sorveljanza u s-sigurtà marittima. Iċ-sigurtà informatika, mill-banda l-oħra, hi waħda

mill-isfidi ewlenin. L-Aġenzija qed tindirizza dan fuq żewġ livelli, biex iżżomm l-integrità tas-sistemi ta' informazzjoni marittimi tal-UE mħaddma mill-EMSA u biex tiġġieled it-theddida għas-sikurezza marittima b'mod ġenerali.

L-attivitajiet tal-Aġenzija lil hinn mill-fruntieri tal-UE biex tappoġġa l-approssimazzjoni mal-istandards tal-UE huma importanti fil-kuntest tal-**missjoni ta' viċinat u tkabbir**, fir-rigward tal-adeżjoni futura għal xi pajjiżi iżda wkoll b'mod aktar wiesa' biex testendi u ssaħħaħ is-sikurezza marittima, is-sigurtà u l-istandards ambjentali f'reġjuni ġirien.

Fl-aħħar nett, l-Aġenzija tkompli tappoġġa r-risposta tal-UE dwar migrazzjoni u s-sigurtà, permezz tal-ħidma kontinwa tagħha fl-ambitu tal-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjoni tal-gwardja tal-kosta u billi tipprovdi stampa marittima integrata tal-UE. Jista' jkun hemm rwol għall-Aġenzija fil-ġejjieni fir-rigward tat-tisħiħ tal-appoġġ għat-tfittxija u salvataġġ. L-EMSA tikkontribwixxi b'mod sinifikanti fil-qasam marittimu biex tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE, li hija komponent importanti tal-Unjoni tas-Sigurtà fl-ambitu tal-**missjoni tal-affarijiet interni**.








Bejn l-20 u l-21 ta' Marzu, il-membri tal-Bord Amministrattiv tal-EMSA ltaqgħu biex jiskambjaw il-fehmiet tagħhom dwar il-prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin

## 1.4 METODOLOĠIJA GĦALL-IŻVILUPP TAL-ISTRATEĠIJA TA' 5 SNIN

Dan huwa t-tielet dokument ta' strateġija ta' 5 snin għall-EMSA u huwa intiż biex ikopri l-perjodu 2020-2024. Huwa jibni fuq l-istruttura u l-attivitajiet stabbiliti sewwa li matul iż-żmien ippożizzjonaw lill-EMSA bħala s-sieħeb tekniku marittimu ewlieni tal-UE kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni Ewropea. L-istrateġija ta' 5 snin tqis ukoll l-eżitu tal-aħħar evalwazzjoni esterna tal-EMSA u r-Rakkomandazzjonijiet sussegwenti tal-Bord Amministrattiv tal-EMSA (2017) u l-pjan ta' azzjoni stabbilit mill-EMSA bi tweġiba.

Wara 15-il sena ta' operat, l-esperjenza u l-informazzjoni akkumulati mill-Aġenzija jikkostitwixxu riżorsa konsiderevoli u unika. L-EMSA għamlet punt, fil-proċess tal-iżvilupp ta' din l-istrateġija, li tesplora mal-partijiet interessati primarji tagħha – ir-rappreżentati mill-Bord Amministrattiv – liema sfidi u opportunitajiet ġodda hemm quddiemhom fis-settur marittimu tal-UE u kif l-EMSA tista' tikkapitalizza mir-riżorsi uniċi tagħha biex tgħinhom jilqgħu dawk l-isfidi u jisfruttaw dawk l-opportunitajiet.

**Din l-Istrateġija ta' 5 snin tħares 'il quddiem u hija ambizzjuża intenzjonalment. L-Aġenzija tħabrek biex iżżid il-valur massimu għall-partijiet interessati ewlenin tagħha, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, issa u fis-snin li ġejjin. Iżda hemm xi restrizzjonijiet u inċertezzi li se jkollhom impatt fuq kif l-elementi l-aktar ġodda tal-istrateġija fil-fatt se jiżvolġu, b'mod partikolari il-kwistjoni tal-mandat u tar-riżorsi.**

L-isfera ta' azzjoni tal-Aġenzija hija regolata prinċipalment mir-Regolament ta' Twaqqif tagħha (taqsima 1.1) iżda hija affettwata wkoll mill-kuntest istituzzjonali u ta' politika li qed jevolvi (taqsima 1.2), li attwalment jinkludi l-prospett ta' Brexit. L-eżitu tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ġejjieni tal-UE se jiddetermina l-evoluzzjoni tar-riżorsi tal-Aġenzija.

**Din l-Istrateġija ta' 5 snin għalhekk hija meqjusa bħala dokument ħaj li se jiġi implimentat permezz tal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija waqt li żżomm kont tal-iżviluppi regolatorji, ta' politika u ta' riżorsi li jista' jkun hemm.**

Id-Direttriċi Eżekuttiva tal-EMSA, bħala l-parti responsabbli għat-tfassil ta' din l-istrateġija ta' 5 snin, esprimiet mill-bidu nett tal-proċess ix-xewqa tagħha għal approċċ inklużiv fejn il-fehmiet tal-partijiet interessati ewlenin tal-EMSA, il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, u dawk tal-assi prinċipali tal-EMSA, il-persunal tagħha, ikunu l-ingredjenti għal din l-istrateġija pluriennali.

Il-proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin ħa l-forma ta' *workshop* mal-membri tal-bord iffaċilitat mill-persunal tal-EMSA. Il-materjal iġġenerat mill-*workshop* ġie pproċessat permezz ta' diversi eżerċizzji fi ħdan l-Aġenzija. L-ewwel abbozz tal-istrateġija ta' 5 snin ġie sottomess għad-dibattitu fil-laqgħa tal-Bord Amministrattiv ta' Ġunju 2019. Il-membri kienu mistiedna jipprovdu wkoll kummenti bil-miktub wara d-dibattitu. L-Aġenzija eżaminat il-fehmiet kollha espressi u żviluppat abbozz ġdid li ġie ppreżentat mid-Direttriċi Eżekuttiva lill-Kummissjoni għal konsultazzjoni formali fil-bidu ta' Settembru 2019, kif mitlub mir-Regolament ta' Twaqqif tal-Aġenzija. Bħala pass finali, id-dokument ġie ppreżentat għall-adozzjoni fil-laqgħa tal-Bord Amministrattiv ta' Novembru 2019.

Tweġibiet tal-membri tal-Bord għall-mistoqsijiet -

1/ Liema kelma tassoċja l-aktar mal-EMSA?




2/ Liema qasam ġdid għandha tkun attiva fih l-EMSA?



## 1.5 IMPLIMENTAZZJONI U INDIKATURI

Is-segwitu għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jsir permezz tal-proċessi eżistenti ta' ppjanar u rappurtar tal-Aġenzija. Dawn il-proċessi huma mmexxija mid-dokument uniku ta' programmazzjoni li, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-EMSA, jinkludi programm ta' ħidma pluriennali u programm ta' ħidma annwali. Id-dokument uniku ta' programmazzjoni jistabbilixxi r-rabta bejn il-**prijoritajiet strateġiċi pluriennali** definiti f'din l-istrateġija, u l-attivitajiet u r-riżultati annwali konkreti. B'mod partikolari, id-dokument uniku ta' programmazzjoni jistabbilixxi is-**sett ta' attivitajiet u riżultati annwali** li jikkontribwixxu għal kull **objettiv strateġiku pluriennali**.




## Kejl tas-suċċess tal-Istrateġija ta' 5 snin:

1. Kull sena, l-Aġenzija se tivvaluta **il-kontribut tal-attivitajiet u r-riżultati annwali għall-objettivi strateġiċi pluriennali**. Din se tkun valutazzjoni kwalitattiva, ibbażata fuq id-*data* rrappurtata fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) flimkien ma' indikaturi potenzjalment rilevanti oħra. Fejn ikunu disponibbli, jistgħu jintużaw ukoll stejjer ta' każijiet biex juru r-rilevanza u l-valur miżjud tal-Aġenzija. Indikaturi oħra bħat-talbiet biex jintużaw l-għodod tal-EMSA u it-talbiet għall-involviment tal-EMSA bħala sieħeb tekniku, l-evoluzzjoni ta' attivitajiet iffinanzjati minn proġetti, eċċ. jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-valutazzjoni tal-kisba ta' ċerti objettivi.

2. Lejn tmiem il-perjodu kopert mill-Istrateġija ta' 5 snin, l-Aġenzija se tivvaluta **l-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi pluriennali**. Dan l-eżerċizzju se jkun doppju, billi jqis il-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi pluriennali matul snin suċċessivi fuq naħa, u l-fehmiet tal-partijiet interessati tal-EMSA fuq in-naħa l-oħra. Is-sodisfazzjon u l-perċezzjoni tal-partijiet interessati fir-rigward tal-prijoritajiet strateġiċi se jitkejlu permezz ta' **stħarriġ** sabiex jiġu valutati l-kwalità tal-interazzjonijiet tal-Aġenzija u l-profil tagħha f'setturi rilevanti.

## 1.6 IL-CLUSTER MARITTIMU TAL-UE

Il-kontinent Ewropew huwa essenzjalment kontinent marittimu. Il-kosta tal-UE hija twila 68 000 km. L-UE fiha 23 Stat kostali u 27 Stat tal-bandiera. Filwaqt li l-klima ekonomiku kienet ta' sfida, l-ekonomija blu tal-UE hi b'saħħitha b'fatturat ta' xi EUR 658 biljun u l-involviment ta' aktar minn erba' miljun ruħ. L-importanza tas-settur marittimu tkopri diversi oqsma ta' politika ewlenin tal-UE fosthom it-trasport, l-ambjent u l-oċeani, l-enerġija, is-suq intern, u l-viċinat u t-tkabbir. Biex tara xi wħud mix-xejriet fis-settur, hawn taħt issib serje ta' infografiċi li jagħtu ċifri għal kull tema koperta. Li hu ċert hu li l-Ewropa se tkompli tasserixxi ruħha bħala attur ewlieni fid-dinja marittima għas-snin li ġejjin.

## Fejn qegħdin

### Il-flotta tal-UE

Unità = Tunnellaġġ Gross (TG)
Sors tad-*data*: Marinfo, il-bażi ta' *data* marittima interna tal-EMSA




**L-AKTAR 3 TIPI TA' BASTIMENTI BBAŻATI FUQ IS-SID**

| 60% | 46% | 43% |
|---|---|---|
| BASTIMENTI TAL-PASSIĠĠIERI RO-RO | LPG/LNG | TANKERS TAL-KIMIKA |

**L-AKTAR 3 TIPI TA' BASTIMENTI BBAŻATI FUQ IL-BANDIERA**

| 58% | 36% | 27% |
|---|---|---|
| BASTIMENTI TAL-PASSIĠĠIERI RO-RO | BASTIMENTI TAL-PASSIĠĠIERI | BASTIMENTI TAL-KONTEJNERS |



## Statistika tal-baħħara fl-UE

### Stampa intuwittiva dwar il-pajjiżi ta' oriġini u pajjiżi ta' rikonoxximent

Sors tad-*data*: Rapport tal-2017 tal-EMSA dwar l-STCW-IS

Stampa tas-sitwazzjoni tal-baħħara li kellhom ċertifikati ta' kompetenza u approvazzjonijiet li jattestaw ir-rikonoxximent minn pajjiżi tal-UE* validi fl-2017, kif irrapportat fis-Sistema ta' Informazzjoni STCW tal-EMSA

**PAJJIŻI TAL-UE**

**202 190**

KAPTANI U UFFIĊJALI ĊĊERTIFIKATI MINN PAJJIŻI TAL-UE



**PAJJIŻI MHUX TAL-UE**

**87 810**

KAPTANI U UFFIĊJALI MINN PAJJIŻI MHUX TAL-UE RIKONOXXUTI MILL-PAJJIŻI TAL-UE

**IL-5 PAJJIŻI TAL-UE BL-OGĦLA NUMRU TA' UFFIĊJALI ĊĊERTIFIKATI**

- Ir-Renju Unit (30, 833)
- Il-Polonja (20 138)
- Il-Greċja (18 935)
- L-Italja (15 154)
- In-Norveġja (14 696)

**IL-5 PAJJIŻI TAL-UE BIL-BIĊĊA L-KBIRA TAL-UFFIĊJALI RIKONOXXUTI MILL-PAJJIŻI TAL-UE**

- Il-Polonja (9 260)
- Ir-Rumanija (5 227)
- Il-Greċja (3 893)
- Ir-Renju Unit (3 689)
- Il-Kroazja (3 463)

**IL-5 PAJJIŻI PAJJIŻI MHUX TAL-UE BIL-BIĊĊA L-KBIRA TAL-UFFIĊJALI RIKONOXXUTI MILL-PAJJIŻI TAL-UE**

- Il-Filippini (30 615)
- L-Ukrajna (19 304)
- Il-Federazzjoni Russa (15 631)
- L-Indja (6 357)
- It-Turkija (4 100)

**IL-5 PAJJIŻI PAJJIŻI TAL-UE LI JIRRIKONOXXU L-OGĦLA NUMRU TA' UFFIĊJALI MHUX TAL-UE**

- Malta (37 151)
- Ċipru (16 442)
- In-Norveġja (7 983)
- In-Netherlands (7 109)
- Ir-Renju Unit (6 345)

* Referenza għall-UE jew għall-Istati Membri tal-UE tinkludi lin-Norveġja u lill-Iżlanda





## Bini ta' vapuri

Aktar vapuri, iżda iżgħar fid-daqs

Sors tad-*data*: Marinfo
Id-bażi ta' *data* marittima interna tal-EMSA



## Attività fil-port għall-kummerċ u l-ivvjaġġar

### Passiġġieri li jimbarkaw u jiżbarkaw f'portijiet tal-UE

Sors tad-*data*: Eurostat
Unità: Elf passiġġier




L-aktar 5 pajjiżi

- L-Italja (85 382)
- Il-Greċja (72 520)
- Id-Danimarka (43 774)
- Spanja (36 093)
- Il-Kroazja (32 658)



### Piż gross tal-merkanzija mmaniġġjata fil-portijiet

Sors tad-*data*: Eurostat
Unità: Elf tunnellata




L-aktar 5 pajjiżi

- In-Netherlands (595 810)
- Spanja (485 805)
- Ir-Renju Unit (481 815)
- L-Italja (475 164)
- Il-Ġermanja (299 189)

## Sorveljanza

### Mapep tad-densità tat-traffiku li juru mudelli tal-moviment tal-bastimenti

Sors tad-*data*: L-EMSA, is-SafeSeaNet Ecosystem Graphical User Interface (SEG)



Żona tal-Baħar Baltiku - Awwissu 2019



Żona tal-Baħar Mediterran - Awwissu 2019



Żona tal-Baħar l-Iswed - Awwissu 2019

**16-il miljun**

Messaġġi totali rċevuti mill-EMSA f'ġurnata waħda

| | |
|---|---|
| T - AIS | 8 713 927 |
| S - AIS | 7 325 601 |
| VMS | 78 973 |
| LRIT | 38 286 |

ATTIVITAJIET LI JKOPRU: **ġurnata waħda**

**96 265**

Bastimenti distinti li nqabdu f'ġurnata waħda minn sorsi differenti

| | |
|---|---|
| 61 803 | S - AIS |
| 39 907 | T - AIS |
| 6 685 | VMS |
| 4 717 | LRIT |

## Inċidenti marittimi

### Tqassim taċ-ċifri

Sors tad-*Data*: EMSA, Pjattaforma Ewropea ta' Informazzjoni dwar id-Diżgrazzji tal-Baħar (EMCIP)




Distribuzzjoni tal-fatalitajiet skont il-kategorija tal-persuna




Għadd ta' diżgrazzji u inċidenti marittimi skont il-gravità



# Detezzjoni ta' tixrid possibbli

## Xejriet matul għaxar snin

Sors tad-data: EMSA, CleanSeaNet, servizz ta' detezzjoni tat-tixrid taż-żejt u tal-bastimenti




Ix-xejra ġenerali matul il-biċċa l-kbira ta' dan l-aħħar deċennju kienet tnaqqis minn sena għal sena fl-għadd ta' tixrid possibbli identifikat għal kull miljun km² immonitorjat, bi tnaqqis sinifikanti bejn l-2008 u l-2010 u tnaqqis aktar gradwali bejn l-2010 u l-2015. Fl-2016 din ix-xejra nqalbet, bis-sistema l-ġdida ta' Sentinel-1A ttejjeb il-kapaċitajiet ta' detezzjoni, b'mod partikolari għal tixrid iżgħar.

# Kontroll tal-Istat tal-port

## Ħidma lejn konformità konsistenti

Sors tad-*data*: MtQ ta' Pariġi, Rapport Annwali "Konformità Konsistenti" 2018

### KONFORMITÀ KONSISTENTI




**17 952**
SPEZZJONI

**9 368**
B'NUQQASIJIET

**566**
DETENZJONI

**24**
PROJBIZZJONI

Ħarsa lejn ix-xejra ta' tliet snin turi tnaqqis sinifikanti fid-detenzjonijiet minn 3.87% fl-2017 għal 3.15% fl-2018.

### BNADAR BOJOD, GRIŻI U SUWED




**73 pajjiż elenkat**

**13** fil-lista s-sewda
**18** fil-lista l-griża
**41** fil-lista l-bajda
**100%** tal-pajjiżi tal-UE jinsabu fil-lista l-bajda

### L-AKTAR 5 KATEGORIJI TA' NUQQASIJIET

**13%** Sikurezza kontra n-nirien

**12.07%** Sikurezza tan-navigazzjoni

**8.17%** Apparat tas-salvataġġ

**7.96%** Kundizzjonijiet tax-xogħol

**7.14%** Ċertifikati u dokumentazzjoni



KAPITLU 2

# VIŻJONI, MISSJONI U VALURI



## BAŻI LEGALI

L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Twaqqif tal-EMSA jsostni li l-għan tal-Aġenzija huwa li tiżgura livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima, sikurezza marittima, prevenzjoni ta', u rispons għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti kif ukoll rispons għat-tniġġis marittimu kkawżat mill-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass u, fejn ikun xieraq, li tikkontribwixxi għall-effiċjenza ġenerali tat-traffiku marittimu u t-trasport marittimu sabiex tiffaċilita l-istabbiliment ta' Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew mingħajr Fruntieri.

## VIŻJONI

Il-viżjoni tal-EMSA hija li tkun ċentru ta' eċċellenza għal settur marittimu tal-UE sikur u sostenibbli.

## MISSJONI

Il-missjoni tal-EMSA hija li taqdi l-interessi marittimi tal-UE għal settur marittimu sikur, sigur, ekoloġiku u kompetittiv u taġixxi bħala punt ta' referenza affidabbli u rispettat fis-settur marittimu fl-Ewropa u madwar id-dinja.

L-EMSA tikkapitalizza fuq l-għarfien uniku tagħha biex tippożizzjona ruħha bħala attur essenzjali fil-*cluster* marittimu fl-Ewropa u lil hinn.

L-EMSA taħdem fuq kwistjonijiet u kompiti dwar is-sikurezza marittima, is-sigurtà, il-klima, l-ambjent u s-suq uniku, l-ewwel bħala fornitur ta' servizzi għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni, iżda wkoll bħala sieħeb innovattiv u affidabbli u ċentru ta' għarfien għall-*cluster* marittimu Ewropew u potenzjalment lil hinn bħala referenza internazzjonalment.

## VALURI

Kwalità, kredibbiltà, effiċjenza, effettività, trasparenza, flessibiltà, u li tkun intelliġenti u bilanċjata bejn il-ġeneri.

KAPITLU 3

# IL-PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI TAL-EMSA



**Għal kull waħda mill-ħames prijoritajiet strateġiċi, l-EMSA identifikat għadd ta' objettivi. Dawn huma sottolinjati hawn taħt, taħt kull test.**

## 3.1 SOSTENIBBILTÀ

**PRIJORITÀ STRATEĠIKA:**

**Tikkontribwixxi għall-aġenda ekoloġika Ewropea għat-trasport marittimu billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tipproteġi l-ambjent marittimu, timmaniġġja t-tibdil fil-klima u tirrispondi għall-isfidi ambjentali ġodda**

L-EMSA nħolqot wara li seħħew żewġ inċidenti marittimi kbar fl-ibħra tal-UE li wasslu għal tniġġis massiv li affettwa meded kbar ta' oċean u eluf ta' kilometri ta' kosta. Il-prezz ambjentali u ekonomiku ta' dawn l-inċidenti kien enormi. L-EMSA taħdem fuq żewġ fronti biex tipproteġi l-ambjent fil-baħar u madwaru – il-prevenzjoni tat-tniġġis u r-rispons għat-tniġġis – u b'hekk tappoġġa, fejn ikun possibbli, il-politiki tal-UE dwar l-ambjent marittimu u kostali u l-ħarsien tas-saħħa, fosthom il-kooperazzjoni reġjonali, l-ekonomija ċirkolari fil-qasam marittimu, l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU għat-tibdil fil-klima sal-2030 u l-perspettiva tal-Ewropa bħala kontinent b'impatt newtrali fuq il-klima.

L-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni internazzjonali u Ewropea fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti hija l-ewwel pilastru fil-ħarsien tal-ambjent. L-EMSA se tkompli tipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri f'dan il-qasam, li fid-dominju tal-UE jkopri l-faċilitajiet ta' akkoljenza fil-portijiet, il-kontenut tal-kubrit fil-fjuwils (inklużi l-fjuwils u t-teknoloġiji alternattivi), l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, it-tniġġis mill-bastimenti u l-introduzzjoni ta' penali għall-ksur, ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, is-sustanzi *anti-fouling* u l-assigurazzjoni tas-sidien tal-bastimenti għal pretensjonijiet marittimi.

Fis-snin li ġejjin, l-Aġenzija se jkollha bżonn tinvolvi ruħha aktar fil-kuntest tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u d-dekarbonizzazzjoni, li saret l-aktar punt importanti fuq l-aġenda globali, sabiex tgħin lill-UE tmexxi l-aġenda 'l quddiem u tissodisfa l-obbligi tagħha.

Se jkun meħtieġ ukoll aktar appoġġ mill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni riveduta dwar il-Faċilitajiet ta' Akkoljenza fil-Portijiet u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tniġġis Ikkawżat minn Vapuri. Tista' tiġi prevista aktar assistenza teknika fil-qasam tar-riċiklaġġ tal-bastimenti fejn l-EMSA għandha l-għarfien espert biex tappoġġa lill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, l-Aġenzija se tesplora l-possibbiltà ta' involviment fi kwistjonijiet emerġenti bħall-istorbju taħt l-ilma, l-iskart fil-baħar, l-ossidi tan-nitroġenu u l-partikoli.

**Tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u internazzjonali dwar il-klima u l-ambjent**



L-EMSA bniet għarfien espert, esperjenza u għodod li jistgħu jintużaw f'oqsma oħra. Per eżempju, l-Aġenzija tista' tadatta l-approċċ ta' "bini tal-kapaċitajiet" żviluppat għal-LNG, għal fjuwils alternattivi oħra u b'hekk tipprovdi aktar appoġġ fir-rigward tal-fjuwils alternattivi u l-effiċjenza enerġetika u d-disinn, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli (ESSF).

L-EMSA se tkompli tassisti lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-kwistjoni tat-trasferiment ta' organiżmi u patoġeni akkwatiċi perikolużi u fl-implimentazzjoni tal-konvenzjoni internazzjonali rilevanti (ġestjoni tal-ilma tas-saborra, sistemi anti-fouling).

L-EMSA għandha taħdem flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u l-industrija tat-tbaħħir biex tiżviluppa Kodiċi ta' Prattika Standard aċċettat b'mod komuni għall-*Bunkering* minn braken/tankers, il-kuntest tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli (ESSF).

Fir-rigward tat-tniġġis mill-plastiks, l-EMSA se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' gwida dwar il-minimizzazzjoni tal-impatt tat-tbaħħir, per eżempju billi jitnaqqas l-użu tal-plastiks abbord il-bastimenti, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-OMI kontra l-iskart fil-baħar.

F'termini ta' għodod, l-Aġenzija se tuża l-esperjenza tagħha bil-Kalkolatur tal-Emissjonijiet fl-Arja żviluppat fil-kuntest tal-proġett tal-Inventarji tal-Emissjonijiet biex tesplora r-rwol potenzjali tagħha fir-rigward tal-immudellar tal-emissjonijiet per se biex tappoġġa l-għażliet ta' politika, iżda wkoll l-immudellar ta' sustanzi niġġiesa oħra bħall-istorbju taħt l-ilma jew il-(mikro) plastiks u kontaminanti kimiċi oħra.

**Tintensifika l-attivitajiet ta' prevenzjoni tat-tniġġis billi tibni l-kapaċità tal-Istati Membri u tiżviluppa gwida u għodod prattiċi għall-*cluster* marittimu aktar wiesa'**

---

Fil-livell internazzjonali, l-EMSA tappoġġa l-ħidma tal-Kummissjoni fl-OMI u hija dejjem aktar attiva fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Ir-rwol kritiku tal-EMSA fit-tfassil u l-ġestjoni tat-THETIS–MRV, is-sistema ta' ġbir tad-*data* b'appoġġ għar-Regolament MRV, għolla l-profil tal-Aġenzija bħala sieħeb tekniku potenzjali biex tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi tal-UE u globali, kemm fir-rigward tas-sustanza tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll fir-rigward tal-metodi ta' infurzar.

**Tippromwovi u tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi tal-UE u globali biex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima**

---



Il-pilastru l-ieħor tal-ħarsien tal-ambjent huwa r-rispons. L-EMSA ġiet imfassla biex tissupplimenta l-kapaċita' tal-Istati Membri li jirrispondu għat-tniġġis u għaldaqstant bniet sett ta' għodod li huwa disponibbli għall-użu meta jintalab, li jikkonsisti f'netwerk ta' bastimenti ta' rispons għat-tixrid taż-żejt, Servizz ta' Assistenza għat-Tagħmir, ħażniet ta' aġenti dispersivi u servizz ta' appoġġ f'każ ta' tniġġis minn sustanzi perikolużi oħra. Is-sorveljanza bis-satellita, u aktar reċentement is-servizzi ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS), huma disponibbli biex jidentifikaw jew jimmonitorjaw tixrid potenzjali jew reali u jidentifikaw lil min iniġġes. It-tħaddim tas-sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni SafeSeaNet u CleanSeaNet tal-UE u n-netwerk tal-awtoritajiet tal-Istati Membri huwa essenzjali biex ikun jista' jingħata appoġġ lill-awtoritajiet rilevanti, tiġi kondiviża u tinkiseb informazzjoni rilevanti dwar l-inċident, il-bastiment u l-merkanzija tiegħu f'ħin reali.

Is-sett ta' għodod qed isir dejjem aktar sofistikat f'termini ta' teknoloġiji u metodi ta' rispons, u dejjem aktar aġili f'termini ta' risponsività u adattabilità għall-kundizzjonijiet u l-kapaċitajiet reġjonali, bis-saħħa ta' titjib u tisħiħ kontinwu. Din id-dinamika ta' titjib kontinwu tas-sett ta' għodod ta' rispons trid tkompli, sabiex il-kapaċità ta' rispons tal-UE tinżamm f'livell għoli f'każ ta' aċċidenti u inċidenti. B'mod parallel, l-EMSA se tfittex modi kif ittejjeb l-użu tas-sett ta' għodod, filwaqt li tqis approċċ reġjonali bbażat fuq il-ħtiġijiet.

**Tkompli tiżviluppa sett ta' għodod ta' rispons aġili, effettivi, innovattivi u bbażati fuq ir-riskju biex iżżid il-kapaċità tal-Istati Membri li jiskoraġġixxu, jiskopru u jirrispondu għat-tniġġis minn bastimenti u t-tniġġis tal-baħar minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass**

---

Barra minn hekk, l-angolu tar-rispons għat-tniġġis jeħtieġ li jitwessa' pari passu mal-aġenda ekoloġika b'saħħitha, u jħares lil hinn mill-fatturi tas-soltu, jiġifieri iż-żejt, is-sustanzi kimiċi, il-bastimenti u l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, għal dak li fil-fatt huwa fil-periklu – l-oċeani u l-klima. Minn dan l-angolu wiesa', tista' tiġi identifikata firxa sħiħa ta' theddidiet addizzjonali u l-EMSA għandha tesplora fejn u kif tista' tgħin lill-Istati Membri biex jindirizzawhom, per eżempju:

- jistgħu jkunu meħtieġa approċċi ġodda għar-rispons għaż-żejt fid-dawl ta' fjuwils ġodda li huma relattivament aktar nodfa. L-EMSA tkun trid tivvaluta l-adegwatezza tal-mekkaniżmi ta' rispons eżistenti għal dawn il-fjuwils ġodda.
- tesplora oqsma li l-EMSA ma messitx qabel, per eżempju kif il-mekkaniżmi ta' rispons jistgħu jiġu adattati għat-tneħħija tal-plastik mill-ambjent tal-baħar, inkluża l-mitigazzjoni tal-impatti minn inċidenti, bħat-telf ta' kontejners. L-Aġenzija se tesplora l-possibbiltà li taħdem bi Ftehimiet Reġjonali, inklużi konvenzjonijiet dwar l-ibħra reġjonali, li jindirizzaw l-kwistjoni tal-plastik u tal-mikroplastik fl-ambjent tal-baħar.

**Tħejji biex tirrispondi għal sfidi ambjentali ġodda, li qed jevolvu u diversifikati**

---



## 3.2 SIKUREZZA

**PRIJORITÀ STRATEĠIKA:**

**Tikkontribwixxi għal standards ogħla ta' sikurezza marittima, tantiċipa sfidi u aspettattivi ġodda għas-sikurezza marittima u tipprovdi soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien bil-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-diżgrazzji marittimi u fit-telf tal-ħajja umana.**

Is-sikurezza marittima hija r-raison d'être tal-EMSA minn meta nħolqot u s-sikurezza marittima se tibqa' fil-qalba tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Il-firxa wiesgħa ta' inizjattivi leġiżlattivi tal-UE li jirregolaw it-trasport marittimu fl-UE teħtieġ il-preżenza tanġibbli ta' korp tekniku disponibbli biex jivverifika b'mod indipendenti l-livell ta' implimentazzjoni u infurzar tal-leġiżlazzjoni. Dan huwa fejn l-EMSA tinsab illum u dan huwa dak li se tkompli tipprovdi f'termini ta' appoġġ lill-Kummissjoni fir-rwol tagħha bħala "Gwardjan tat-Trattati" u lill-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw l-obbligi tagħhom. L-Aġenzija se tkompli l-programm tagħha ta' żjarat fl-Istati Membri u spezzjonijiet f'pajjiżi terzi u Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti, waqt li tinkludi r-rekwiżiti leġiżlattivi ġodda u tadatta ċ-ċikli u l-approċċ ġenerali tagħha biex tottimizza r-riżorsi tal-EMSA u l-proċess taż-żjarat, ittejjeb l-impatt u timminimizza l-piż fuq l-entitajiet li ssirilhom żjara/jiġu spezzjonati.

L-EMSA se tippromwovi kultura ta' sikurezza b'saħħitha fit-trasport marittimu tal-UE billi tappoġġa l-impenn u t-titjib kontinwu permezz ta' portafoll imtejjeb ta' għodod u servizzi ta' tagħlim u infurzar. Dan il-portafoll se jibni fuq l-esperjenza u l-għarfien espert tal-Aġenzija: il-bini tal-kapaċità, it-taħriġ, l-analiżi orizzontali, l-analiżi tal-kosteffettività, il-gwida; li ddawwar l-informazzjoni miġbura permezz taż-żjarat u l-ispezzjonijiet f'tagħlimiet miksuba, l-aqwa prattiċi, għarfien, u tappoġġa l-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni.

Illum, l-EMSA hija ċentru tekniku rikonoxxut għad-diskussjonijiet li jinvolvu s-sikurezza u s-sostenibbiltà tat-tbaħħir. Il-proposti tekniċi u l-kontribuzzjonijiet tagħha fil-fora xierqa jistimulaw id-diskussjoni u l-progress lejn tbaħħir aktar sikur u ekoloġiku. L-istudji tagħha, kif ġara fl-imgħoddi, jipprovdu l-massa kritika għat-titjib tal-istandards u għall-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli. L-Aġenzija se ttejjeb din il-funzjoni u l-*workshops* tagħha għandhom ikunu l-fora għad-diskussjoni ta' għażliet tekniċi u biex jiġu ppreżentati soluzzjonijiet ibbażati fuq l-għarfien.

**Tkun fuq quddiem fl-għarfien espert u tappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards ta' sikurezza**







L-EMSA se tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħhom ta' Stat tal-Bandiera. L-Aġenzija se tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha ta' bini tal-kapaċità biex tipprovdi skemi ta' taħriġ sistematiċi, koerenti u bbażati fuq il-ħtiġijiet biex tappoġġa l-ħidma ta' kuljum tagħhom fir-rigward tal-Implimentazzjoni ta' Stat tal-Bandiera, l-Investigazzjoni tal-Inċidenti, it-Tagħmir Marittimu, STCW, eċċ.

Se jkomplu jiġu segwiti d-diskussjonijiet tekniċi fil-kuntest tal-OMI, b'kontribut tekniku attiv mill-EMSA. Barra minn hekk, se tkompli tiġi pprovduta l-assistenza teknika fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-Konvenzjonijiet Internazzjonali rilevanti. L-informazzjoni miġbura fl-EMSA permezz taż-żjarat u l-*audits* tirrappreżenta assi siewi li permezz ta' analiżi tas-sikurezza u analiżi orizzontali jista' jappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet u l-valutazzjonijiet tar-riskju kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

Waqt li tibni fuq il-kompetenza teknika u l-għarfien li kisbet matul is-snin, l-Aġenzija se ssaħħaħ l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri għall-*audits* tal-Iskema ta' Awditjar tal-Istati Membri tal-OMI (IMSAS). Barra minn hekk, permezz tal-inizjattiva tagħha ta' Ħarsa Ġenerali Dinamika tal-Awtoritajiet Nazzjonali (DONA), se tiġi offruta statistika fuq bażi regolari lill-amministrazzjonijiet marittimi biex tappoġġa l-ħidma tagħhom ta' kuljum.

L-amministrazzjonijiet marittimi moderni jridu jkunu aktar flessibbli u aġili minn qatt qabel; iridu wkoll jimmonitorjaw il-prestazzjoni tagħhom u l-ħidma tas-Soċjetajiet ta' Klassifikazzjoni awtorizzati biex jaħdmu f'isimhom (ROs). L-EMSA għandha tappoġġa b'azzjonijiet għall-bini tal-kapaċità u, fl-istess waqt, l-Aġenzija se toffri l-għarfien espert tagħha fir-rigward tas-Sistemi ta' Ġestjoni tal-Kwalità (id-Direttiva dwar l-Istat tal-Bandiera). Barra minn hekk, l-esperjenza, l-għarfien espert u l-informazzjoni mill-ispezzjonijiet tal-EMSA lill-ROs jistgħu jkunu għodda utli u effettiva ħafna biex jikkumplimentaw l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-ROs li jsiru mill-Istati Membri.

## Tappoġġa lill-Amministrazzjonijiet Marittimi fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-Istat tal-Bandiera

L-EMSA qiegħda tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom ta' Stati tal-Port, kif ukoll lill-komunità usa' tal-MtQ ta' Pariġi bil-għan li l-infurzar armonizzat jikkontribwixxi biex jiġi miġġieled it-tbaħħir ta' standard baxx u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Dan l-appoġġ jieħu l-forma tas-sistema ta' informazzjoni PSC (THETIS) żviluppata u miżmuma mill-Aġenzija kif ukoll il-varjetà ta' għodod ta' taħriġ u appoġġ (eż. RuleCheck), inklużi l-għodod ta' tagħlim elettroniku żviluppati mill-EMSA għall-ispetturi tal-Kontroll tal-Istat tal-port (PSC) tal-Istati Membri.

L-istandards għoljin stabbiliti mill-MtQ ta' Pariġi jattiraw l-interess ta' reġimi oħra ta' PSC minn madwar id-dinja. Meta wieħed iqis ir-rwol tal-EMSA fil-forniment ta' appoġġ għall-MtQ ta' Pariġi, hemm il-potenzjal li jiġu żviluppati aktar l-għodod u li jiġu esportati s-soluzzjonijiet tal-UE f'dan il-qasam.

## Tappoġġa lill-Amministrazzjonijiet Marittimi fir-rwol tagħhom ta' PSC u tippromwovi approċċ armonizzat għall-PSC b'mod globali

It-trasport marittimu mhux eċċezzjoni għall-ambjent jinbidel malajr li qed ngħixu fih. Billi tibni fuq is-saħħa u l-kapaċitajiet żviluppati matul iż-żmien, l-EMSA tinsab f'pożizzjoni vantaġġuża biex tesplora u tindirizza l-isfidi emerġenti għas-sikurezza abbord bastimenti kbar ħafna tal-kontejners u tal-passiġġieri u l-bastimenti tas-sajd.

Inċidenti riċenti wrew il-ħtieġa li jerġgħu jiġu eżaminati u rievalwati l-livelli ta' sikurezza ta' ċerti kategoriji ta' bastimenti b'mod speċjali f'każ ta' emerġenza. L-Aġenzija se tikkontribwixxi permezz tal-ħidma teknika tagħha fuq l-analiżi tal-istandards tas-sikurezza, it-tagħlimiet miksuba mill-inċidenti, u l-iżviluppi fl-OMI, bil-għan li jkun hemm livell ogħla ta' tfassil u prestazzjoni tas-sikurezza għal dawn il-bastimenti. L-Aġenzija tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex toffri forum għal diskussjonijiet tekniċi mal-esperti tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet bħas-sikurezza kontra n-nirien, in-nirien fil-kontejners, kwistjonijiet ta' sikurezza relatati ma' tipi ġodda ta' fjuwil, l-evakwazzjoni, is-sewqan u l-manuvrabbiltà.

**Tintensifika l-ħidma dwar bastimenti li għalihom ir-riskju u l-impatt tal-inċidenti huma potenzjalment ogħla**



Il-kontribut għal standards marittimi ogħla jfisser ukoll il-parteċipazzjoni attiva biex tittejjeb is-sikurezza tal-bastimenti barra l-limiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali relevanti (eż. opri tal-baħar għar-rikreazzjoni, bastimenti tas-sajd).

L-Aġenzija se teżamina l-"lakuni" li għad hemm bħalissa fil-Konvenzjonijiet Internazzjonali u fil-leġiżlazzjoni tal-UE u tiffaċilita d-diskussjonijiet tekniċi, billi tipprovdi per eżempju appoġġ tekniku fir-rigward tas-segwitu tal-eżerċizzju REFIT, b'mod partikolari b'enfasi fuq il-bastimenti tal-passiġġieri b'tul ta' anqas minn 24 metru, il-bastimenti mibnija b'materjal ieħor għajr l-azzar jew ekwivalenti u d-dgħajjes tal-passiġġieri bil-qlugħ.

L-EMSA tista' taħdem flimkien mal-esperti mill-Istati Membri u tikkonsidra opzjonijiet possibbli billi tipprovdi pjattaforma teknika għad-diskussjoni dwar il-kwistjoni tal-opri tal-baħar għar-rikreazzjoni. L-Aġenzija tista' tħares ukoll lejn standards u aspetti operattivi għall-bastimenti tas-sajd u tipprovdi forum għal diskussjonijiet tekniċi, skambju ta' informazzjoni dwar standards nazzjonali. Jistgħu jiġu identifikati oqsma ta' riskju għal aktar azzjoni.

**Tesplora aktar ħidma dwar standards ta' sikurezza għall-bastimenti li mhumiex koperti bil-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti**








Il-bastimenti u s-sistemi awtonomi qed jiġġeneraw sfidi ġodda f'termini ta' standards ta' sikurezza, it-tagħmir marittimu, l-element uman, il-ġestjoni tar-riskju, is-sikurezza tan-navigazzjoni f'ambjent ibridu u l-operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ. Fil-livell tal-UE, l-EMSA għandha ssir il-pjattaforma għal diskussjonijiet tekniċi strutturati, billi tlaqqa' flimkien l-amministrazzjonijiet, l-industriji u l-akkademja. Fil-livell internazzjonali, l-EMSA għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma mibdija fil-livell tal-OMI dwar il-*Maritime Autonomous Surface Ships* (MASS) billi tipproponi azzjonijiet speċifiċi skont l-interessi tal-UE.

## Issir il-faċilitatur tekniku fir-rigward tal-bastimenti awtonomi

In-nies huma fundamentali għat-tmexxija u t-tħaddim sikur ta' bastiment. In-nies huma fundamentali wkoll għat-tmexxija u t-tħaddim ambjentalment sostenibbli ta' bastiment. Fil-fatt, it-tbaħħir ta' kwalità f'kull aspett jiddependi ħafna fuq il-kwalità u l-benesseri tal-baħħara u għalhekk fuq fatturi essenzjali li jaffettwaw il-karrieri tagħhom, kif ukoll il-bilanċ bejn is-sessi fis-settur:  il-motivazzjoni biex isiru baħħara, l-edukazzjoni u t-taħriġ disponibbli, u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol. L-isforzi sabiex tittejjeb il-kwalità tal-aspetti kollha tat-tbaħħir iridu jindirizzaw kull wieħed minn dawn il-fatturi.

Il-Konvenzjoni STCW hija komponent essenzjali tas-sikurezza marittima u l-appoġġ tal-Aġenzija lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħha huwa kompitu ewlieni. L-EMSA se tiżviluppa programm effettiv u effiċjenti ta' spezzjonijiet tas-sistemi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni ta' pajjiżi terzi biex tappoġġa t-titjib li sar fis-sistema ta' rikonoxximent tal-UE permezz tal-leġiżlazzjoni riveduta tal-UE. L-EMSA se tipprovdi wkoll assistenza teknika fir-rigward tar-reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni STCW. L-STCW-IS (sistema ta' informazzjoni) se tissaħħaħ, inkluż billi jiġu eżaminati opzjonijiet biex jappoġġaw aħjar lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward taċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet.

Jekk wieħed iħares aktar lil hinn, lejn fejn l-Aġenzija tista' tkun kapaċi żżid il-valur, l-esperjenza miksuba fir-rigward tal-Konvenzjoni STCW tista' tintuża b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni MLC u strumenti pertinenti oħra tal-ODX, f'termini ta' implimentazzjoni, infurzar u għodod, u b'hekk jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-baħħara.

Tista' tingħata attenzjoni wkoll lid-dimensjoni tar-"responsabbiltà soċjali" fit-tbaħħir, u għal modi possibbli sabiex tissaħħaħ il-motivazzjoni fi professjoni li qed tinbidel b'mod rapidu abbord u fuq l-art anke minħabba l-iżvilupp teknoloġiku. Jeħtieġ li jinżamm l-impenn kontinwu għal dawn l-kwistjonijiet mill-partijiet interessati kollha.

## Issaħħaħ ir-rwol fir-rigward tal-komponent uman tat-tbaħħir

## 3.3 SIGURTÀ

**PRIJORITÀ STRATEĠIKA**

**Issaħħaħ is-sigurtà marittima fl-Ewropa u globalment fejn ikun hemm interess Ewropew**

L-EMSA tikkontribwixxi b'mod attiv għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE. Ir-rwol tal-Aġenzija biex tiġi valutata u verifikata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà marittima żdied matul is-snin, pari passu mad-domanda għall-appoġġ lill-Kummissjoni u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li hija mistennija tkompli tiżdied, li jirrifletti l-prijorità dejjem tikber fil-livell tal-UE. Din l-assistenza teknika fir-rigward tas-sigurtà tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet, f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Bastimenti u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet (ISPS), għalhekk se tissaħħaħ.

**Tappoġġa l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik internazzjonali dwar is-sigurtà marittima**

Oriġinarjament imfassla għas-sikurezza marittima u r-rispons għat-tniġġis, is-sistemi ta' monitoraġġ tat-traffiku u ta' detezzjoni bis-satellita tal-EMSA issa jipprovdu stampa marittima integrata f'ħin reali lil firxa ta' atturi fis-settur marittimu tal-UE li jwettqu diversi funzjonijiet relatati mal-prevenzjoni ta' atti llegali (EU Navfor għall-piraterija, l-EFCA u l-FMCs nazzjonali għas-sajd, l-MAOC-N għat-traffikar tad-droga, il-Europol u l-Pulizija Nazzjonali u l-awtoritajiet tal-gwardja kostali, il-Frontex, l-awtoritajiet doganali nazzjonali). Il-kapaċità ta' sorveljanza tal-Aġenzija għandha l-potenzjal li tappoġġa s-sigurtà madwar id-dinja u l-EMSA għandha tesplora b'mod partikolari kif il-flotta merkantili tal-UE tista' tiġi protetta aktar mill-piraterija u mis-serq bl-armi madwar id-dinja billi testendi l-firxa u l-ambitu tas-Servizzi Marittimi Integrati (IMS) tagħha.

Jistgħu jiġu stabbiliti servizzi oħra biex javżaw lill-flotta merkantili tal-UE dwar ksur tas-sigurtà biex jappoġġaw rwol tal-UE fil-monitoraġġ globali f'ħin reali ta' inċidenti u attakki relatati mal-piraterija u inċidenti u attakki oħra tas-sigurtà fuq skala dinjija.  L-opzjonijiet jinkludu l-estensjoni tal-firxa ġeografika, bħall-Golf tal-Guinea, u t-tip ta' servizzi marittimi integrati u għodod oħra ta' informazzjoni, bl-użu wkoll ta' Copernicus, skont il-linji tas-servizz mogħti mill-Aġenzija lil EU Navfor.

**Tipprovdi aktar servizzi ta' informazzjoni biex tiġi protetta l-flotta merkantili tal-UE madwar id-dinja**






Iċ-sigurtà informatika diġà hija element importanti għat-tħaddim sikur ta' bastiment flimkien ma' fatturi ta' sikurezza "tradizzjonali" bħall-element uman, l-istandards tas-sikurezza u l-ġestjoni tas-sikurezza. L-EMSA għandha tgħin l-iskambju ta' prattiċi bbażati fuq l-għarfien, toħloq għarfien u tibni l-kapaċità biex jiġi indirizzat dan ir-riskju fil-kuntest marittimu, f'allinjament ma' inizjattivi li għaddejjin fl-OMI (gwida tal-OMI), u f'kooperazzjoni mal-ENISA u aġenziji oħra tat-trasport u possibbilment ukoll mal-industrija.

## Tipprovdi l-pjattaforma għall-iskambju tal-aqwa prattiċi u tiżgura l-kooperazzjoni transsettorjali dwar iċ-sigurtà informatika għall-*cluster* marittimu

Huwa ċar li iċ-sigurtà informatika hija materja ta' tħassib ukoll fil-livell tas-sistemi u l-operazzjonijiet tal-EMSA. Iridu jittieħdu miżuri xierqa fil-livell tal-Aġenzija biex jiġu protetti l-applikazzjonijiet marittimi tal-EMSA u sorsi u servizzi oħra ta' informazzjoni, bħall-missjonijiet RPAS. Il-miżuri taċ-sigurtà informatika jridu jinżammu fis-seħħ u, fil-każ ta' netwerks bħal SafeSeaNet, se jkollhom jittieħdu wkoll miżuri ta' sigurtà simili mill-Istati Membri konnessi. B'mod parallel, l-EMSA għandha tassisti lill-Istati Membri biex jiżguraw miżuri adegwati ta' sigurtà fir-rigward tan-netwerks komuni.

## Tiżviluppa soluzzjonijiet robusti biex tipproteġi l-applikazzjonijiet marittimi u s-servizzi ta' informazzjoni tagħha

L-Aġenzija għandha rwol antik fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE. Fid-dawl tal-kompiti tal-Aġenzija fir-rigward tal-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta; ir-rispons għall-kriżi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà; il-fażi ta' tranżizzjoni tas-CISE (l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għall-qasam marittimu tal-UE), u l-bini fuq dawn il-kompiti, se jkun hemm aktar opportunitajiet biex jintwera l-valur miżjud tal-EMSA u biex jintużaw l-għodod eżistenti biex jappoġġaw komunità saħansitra aktar wiesgħa.

## Issaħħaħ l-involviment bħala sieħeb tekniku u operattiv fil-kuntest tal-istrateġija dwar is-sigurtà marittima tal-UE

## 3.4 SIMPLIFIKAZZJONI

**PRIJORITÀ STRATEĠIKA**

**Tiffaċilita s-simplifikazzjoni tat-tbaħħir tal-UE billi tappoġġa soluzzjonijiet marittimi diġitali fl-UE kollha**

Wieħed mill-fatturi li jaffettwaw l-effiċjenza tat-traffiku u t-trasport marittimu huma r-rekwiżiti amministrattivi li l-bastimenti li jġorru merkanzija u persuni huma soġġetti għalihom f'kull port li jidħlu. L-iżgurar ta' rappurtar armonizzat u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li diġà tkun ġiet irrappurtata u l-imbuttar ta' dik l-informazzjoni fil-port tal-waqfa li jmiss, jikkontribwixxi għal vjaġġ aktar rapidu u b'anqas problemi. L-Aġenzija għandha tiżviluppa applikazzjonijiet ta' *data* miftuħa għall-benefiċċju tal-*cluster* marittimu.

L-EMSA se tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar is-sistema ta' *Single Window* Marittima Ewropea (EMSW), u biex javvanzaw is-simplifikazzjoni, l-armonizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-formalitajiet ta' rappurtar. L-EMSA se tkompli timplimenta u ttejjeb il-funzjonijiet neċessarji fis-sistema ta' monitoraġġ u skambju ta' informazzjoni dwar it-traffiku marittimu tal-UE, SafeSeaNet.

Jeħtieġ li tiġi indirizzata l-interoperabbiltà bejn il-firxa ta' sistemi ta' rappurtar u trażmissjoni tad-*data* fil-livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll bejn l-industrija u l-amministrazzjonijiet. L-EMSA se tipprovdi appoġġ, fil-qafas tas-sistema tal-EMSW.

**Tappoġġa aktar simplifikazzjoni, armonizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni tal-formalitajiet ta' rappurtar**

---

L-EMSA għandha tappoġġa t-tranżizzjoni tas-settur marittimu tal-UE għal ambjent mingħajr karti. THETIS se tissaħħaħ sabiex tirrendi disponibbli s-settijiet ta' *data*/ċertifikati elettroniċi relevanti, inklużi ċ-ċertifikati STCW, u b'riżultat ta' dan tiffaċilita l-ħidma tal-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom ta' Stati tal-Bandiera u Stati tal-Port. B'mod partikolari l-ħidma tal-Ispetturi tal-PSC abbord tista' tkun iffukata fuq dak li verament jeħtieġ li jiġi vverifikat, bil-kontrolli kollha tad-dokumenti mwettqa minn qabel permezz tal-pjattaforma fdata tat-THETIS. Se jkun previst ukoll forum li joffri opportunitajiet regolari għall-partijiet interessati differenti biex jaqsmu l-aqwa prattiċi u t-tagħlimiet miksuba.

**Tappoġġa t-tranżizzjoni tas-settur marittimu tal-UE għal ambjent mingħajr karti, inklużi ċ-ċertifikati elettroniċi**

---

Sabiex nimxu lejn *single window*, il-proċess ta' diġitalizzazzjoni u integrazzjoni irid imur lil hinn mill-formalitajiet tar-rappurtar tal-bastimenti u l-użu mill-ġdid u l-imbuttar tal-informazzjoni "b'mod orizzontali" bejn il-portijiet jew bejn il-bastimenti u l-portijiet. Fil-ġejjieni, għandu jkun possibbli li wieħed jinżel ukoll "vertikalment" fil-proċessi kontigwi, b'mod partikolari l-loġistika tal-port u tal-bastimenti, u jerġa' juża u jimbotta l-informazzjoni magħżula biex jiffaċilita dawn il-proċessi.

Fuq medda itwal ta' żmien, l-EMSA se jkollha rwol importanti biex tiffaċilita l-ottimizzazzjoni tas-servizzi tal-port biex tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet tat-tbaħħir. Abbażi tal-informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti li għandha l-EMSA, b'għodod ġodda (tagħlim awtomatiku bbażat fuq il-"*cloud*"), tista' tiġi ġġenerata informazzjoni aktar imfassla apposta għall-ħinijiet medji ta' stennija qabel ma jkunu possibbli l-waqfiet fil-port (per eżempju f'postijiet ta' rmiġġ), tbassir aħjar tal-ħinijiet tal-wasla u l-ħinijiet ta' *turn-around* fil-port, li kollha se jiffaċilitaw l-effiċjenza tal-loġistika.

**Tiffaċilita t-titjib fl-effiċjenza ġenerali tat-tbaħħir fl-Ewropa fejn ikun fattibbli**



## 3.5 SORVELJANZA

**PRIJORITÀ STRATEĠIKA**

**Issaħħaħ ir-rwol tal-EMSA bħala ċ-ċentru ewlieni ta' ġestjoni tal-informazzjoni għas-sorveljanza marittima**

L-EMSA saret "l-għajnejn tal-UE fuq il-baħar", billi implimentat b'mod effettiv il-kunċett oriġinali ta' sistema komunitarja ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti li ttejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza tat-traffiku marittimu, ittejjeb ir-rispons għall-inċidenti, aċċidenti, u sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi fuq il-baħar u tikkontribwixxi għal prevenzjoni u detezzjoni aħjar tat-tniġġis mill-bastimenti – u billi ħadet l-appoġġ lill-Istati Kostali fuq livell ieħor. Abbażi tal-investiment li għamlet matul is-snin fil-*hardware*, *software* u l-għarfien, l-EMSA llum għandha l-kapaċità li tgħaqqad flimkien ħafna sensers tad-*data* u servizzi differenti, u li tipprovdi stampa marittima li hija kemm rikka kif ukoll integrata. Żieda importanti ma' dan, kienet is-Sistema ta' Sorveljanza Marittima Copernicus li għenet biex testendi l-bażi tal-utenti tal-EMSA u tibqa' pedament tal-informazzjoni ta' sorveljanza għas-snin li ġejjin. L-aħħar żieda fil-portafoll ta' sorveljanza hija d-*data* RPAS li issa tipprovdi livell ta' sorveljanza ferm aktar komplut fil-qasam tal-ibħra miftuħa.

Bis-Servizzi Marittimi Integrati, l-Aġenzija hija l-fornitur ewlieni tal-istampa marittima fl-Ewropa llum, li taqdi għadd potenzjalment bla tmiem ta' atturi marittimi u aktar, per eżempju l-komunitajiet tas-sigurtà u tal-infurzar tal-liġi jew aġenziji oħra tal-UE. Filwaqt li parti minn din l-informazzjoni hija magħluqa, parti minnha tista' tiġi pprovduta wkoll lill-pubbliku ġenerali.

SafeSeaNet, l-isem mogħti lill-kunċett oriġinali, jibqa' l-pedament tal-informazzjoni dwar it-traffiku marittimu fl-UE biex jappoġġa s-sikurezza u l-effiċjenza tiegħu. Is-sistema se tkompli tiġi mtejba bi tweġiba għall-ħtiġijiet tal-utenti u l-iżviluppi teknoloġiċi.

**Tkompli ttejjeb il-funzjonalità u l-effiċjenza tas-sistema ta' monitoraġġ u informazzjoni dwar it-traffiku marittimu tal-UE**





F'termini ta' teknoloġiji ġodda li għandhom il-potenzjal li jsaħħu l-kapaċità ta' sorveljanza tal-UE, l-EMSA bdiet tivvaluta l-użu tas-sistema VDE (Skambju ta' *Data* VHF) għall-komunikazzjoni bejn il-bastimenti u l-art. Il-komunikazzjoni bis-satellita se tipprovdi kopertura madwar id-dinja kollha. Dan il-*front-end* volontarju, ibbażat fuq komunikazzjonijiet bis-satellita, jista' jintuża wkoll għall-komunikazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, l-iskambju ta' pjanijiet ta' vjaġġar, informazzjoni reali dwar it-temp u s-silġ, eċċ.

F'dominji differenti, l-Aġenzija qed issegwi l-aħħar żviluppi teknoloġiċi ta' natura pre-operattiva li jistgħu jkunu ta' interess għall-Istati Membri u/jew għall-Kummissjoni. Għall-istampa marittima, per eżempju, l-Aġenzija qed tħares lejn kostellazzjonijiet satellitarji ġodda u sensers ġodda biex iżżid id-*data* u sorsi ġodda ta' informazzjoni dwar il-bastimenti (eż. l-identifikazzjoni ta' sinjali fuq ir-radar, psewdo satelliti f'altitudni għolja, eċċ.). Din l-attività hija importanti biex tibqa' fuq quddiem biex toffri servizzi ġodda lill-Istati Membri, li kieku ma jkunux disponibbli fil-livell nazzjonali.

**Timmonitorja t-tfaċċar ta' teknoloġiji promettenti u tħaddimhom għal servizzi ġodda għall-Istati Membri u l-Kummissjoni**

Sabiex jinkiseb aktar valur mill-informazzjoni miġbura mill-Aġenzija matul dawn l-aħħar 15-il sena, it-tagħlim awtomatiku, u l-analiżi tad-*data* bl-intelliġenza artifiċjali (AI) jistgħu jiġu żviluppati aktar biex jassistu lill-Istati Membri f'firxa wiesgħa ta' kompiti, li jvarjaw mill-istatistika tal-bastimenti għal hotspots ambjentali u ta' sikurezza fl-ibħra tagħhom, ibassru l-pożizzjonijiet tal-bastimenti issa jew fil-futur immedjat, itejbu l-iffiltrar ta' bastimenti ta' interess, Monitoraġġ Awtomatiku tal-Imġiba, eċċ. L-iżvilupp u t-tħaddim ta' dawn il-funzjonijiet għandu jiġi fformulat u rfinut b'koperazzjoni mill-qrib mal-utenti fl-Istati Membri.

**Tiżviluppa applikazzjonijiet tat-tagħlim awtomatiku u tal-intelliġenza artifiċjali biex jittejbu l-valutazzjoni tar-riskju, il-prevedibbiltà tal-pożizzjoni tal-bastimenti, l-istatistika u l-innovazzjoni**

Billi tikkapitalizza fuq l-esperjenza tal-EMSA fis-sorveljanza, jiġifieri l-ġbir, l-ipproċessar, l-għaqda, l-integrazzjoni, it-trasformazzjoni u t-twassil ta' stampa marittima mfassla apposta, l-Aġenzija issa qed tappoġġa l-iżvilupp tas-CISE, l-ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-potenzjal li tipprovdi għarfien tas-sitwazzjoni lil diversi komunitajiet (mhux marittimi). B'hekk, l-Aġenzija se ssaħħaħ ir-rwol u l-profil tagħha fis-settur tas-sorveljanza u potenzjalment tkompli tarrikkixxi l-istampa marittima, meta s-CISE jidħol fil-fażi operattiva tiegħu.

**Tikkapitalizza fuq l-għarfien espert dwar is-sorveljanza biex timpenja ruħha aktar mal-komunità aktar wiesgħa ta' sorveljanza tal-UE għall-benefiċċju tas-servizzi marittimi u żżid aktar valur għall-UE**



It-tfittxija u s-salvataġġ (SAR) jidhru b'mod prominenti fl-objettivi oriġinali ta' SafeSeaNet: li ttejjeb ir-rispons għal "inċidenti, aċċidenti, u sitwazzjonijiet potenzjalment perikolużi fuq il-baħar, inklużi l-operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ". L-EMSA tista' tikkontribwixxi għal dan billi ttejjeb l-għodod ta' informazzjoni mfasslin apposta u tibni l-kapaċità permezz ta' taħriġ u eżerċizzji.

L-Aġenzija qed toffri l-funzjonalità tas-SARSURPIC (*Search and Rescue Surface Picture*) lil dawk li qed jużaw is-Servizzi Marittimi Integrati. Fi djalogu mal-utenti, l-Aġenzija tista' tesplora jekk jistgħux jiġu offruti funzjonalitajiet oħra biex jassistu f'każijiet ta' tfittxija u salvataġġ. Barra minn hekk, tista' tiġi żviluppata proċedura operattiva biex jintużaw aħjar is-servizzi RPAS tal-EMSA għall-missjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ tal-Istati Membri. L-Aġenzija se tfittex ukoll it-tqassir u ż-żieda fid-disponibbiltà ta' *satellite tasking* b'appoġġ għat-talbiet nazzjonali ta' tfittxija u salvataġġ (ordnijiet ta' emerġenza).

L-Aġenzija tista' tikkontribwixxi wkoll b'taħriġ, gwida u eżerċizzji ta' simulazzjoni, billi tlaqqa' flimkien esperti tekniċi mill-Istati Membri biex jidentifikaw l-aħjar mod għall-Aġenzija biex tappoġġa l-ippjanar, il-koperazzjoni, u l-operazzjonijiet nazzjonali tat-tfittxija u s-salvataġġ.

## Tappoġġa l-isforzi ta' Tfittxija u Salvataġġ tal-Istati Membri

Iċ-ċifri juru li hemm aktar u aktar utenti tal-applikazzjonijiet marittimi tal-EMSA li huma interessati fid-*data* dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti. Qiegħda dejjem tiżdied id-disponibbiltà tad-*data* storika u minn ġurnata għall-oħra dwar pożizzjoni għall-bastimenti. L-utenti jridu jiksbu aċċess għal *data* f'ħin reali b'għodod li jgħinu fil-ġestjoni u l-analiżi ta' din id-*data*. Biex iżżomm servizzi ta' prestazzjoni għolja, l-Aġenzija tista' tiċċaqlaq għall-cloud biex takkomoda aktar iż-żieda fl-utenti, fid-*data* u fis-servizzi. It-teknoloġiji li qed jintużaw bħalissa jinsabu fil-limitu tagħhom.

Is-servizzi bbażati fil-cloud jagħmluha aktar faċli li tespandi u takkomoda kwalunkwe żieda fil-volum jew fil-funzjonalità. Din hija prekundizzjoni qabel ma l-Aġenzija tkun tista' toffri ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi, li jistgħu jinkludu servizzi min-negozju għall-amministrazzjoni, ċertifikati elettroniċi, tagħlim awtomatiku u intelliġenza artifiċjali, kif żviluppati taħt punti oħra f'din l-istrateġija.

## Tmexxi l-istampa marittima tal-UE għall-cloud u tesplora l-valur miżjud ta' servizzi oħra bbażati fil-cloud




5 km





KAPITLU 4

# L-APPROĊĊ U L-IDENTITÀ TAL-EMSA



## 4.1 IR-RWOLI U R-RELAZZJONIJIET FIS-SETTUR

Minn perspettiva orizzontali, fil-ħames "S"ijiet, l-EMSA għandha tfassal l-interazzjonijiet tagħha mal-partijiet interessati u l-profil tagħha fis-settur marittimu b'mod li tappoġġa l-prijoritajiet strateġiċi spjegati fit-taqsima preċedenti u twettaq aħjar il-missjoni tagħha. Sabiex jintlaħaq dan, ġew identifikati erba' rwoli strateġiċi trażversali, flimkien mal-objettivi strateġiċi trażversali korrispondenti tagħhom.

Il-missjoni ewlenija tal-EMSA hija li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw il-politika tal-UE. Bħala fornitur ta' servizzi għal dawn iż-żewġ partijiet interessati ewlenin, l-EMSA se tfittex li ssaħħaħ din l-assistenza b'servizzi mġedda u konsolidati mibnija fuq 15-il sena ta' operat. L-EMSA taħdem ukoll ma' firxa ta' partijiet interessati oħra bħala sieħeb affidabbli għal diversi entitajiet tal-UE u fil-*cluster* marittimu usa' Ewropew. Fuq il-front estern, l-Aġenzija għandha l-potenzjal li tesporta s-soluzzjonijiet tal-UE u tista' tiżviluppa aktar bħala punt ta' referenza internazzjonali, b'appoġġ għall-għanijiet u l-interessi tal-UE. Fl-aħħarnett, u wara l-(inter)azzjonijiet kollha, hemm l-għarfien; l-EMSA trid tkun ibbażata b'mod sod fuq l-għarfien, immexxija mit-teknoloġija u innovattiva.

## L-EMSA BĦALA FORNITUR TA' SERVIZZ

### Tfassil u infurzar tal-liġijiet

L-assistenza teknika pprovduta mill-EMSA lill-Kummissjoni hija essenzjali u kienet waħda mill-kompiti ewlenin tagħha meta twaqqfet fl-2002. Wara aktar minn 15-il sena ta' operat, l-EMSA bniet esperjenza u għarfien espert estensivi fl-oqsma ta' kompetenza tagħha. L-Aġenzija se żżid l-isforzi biex tikkapitalizza fuq l-għarfien tagħha biex tottimizza l-appoġġ lill-Kummissjoni għall-ħidma preparatorja involuta fl-aġġornament u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri. Wieħed mis-sorsi essenzjali ta' informazzjoni għandu jiġi minn ċikli ta' żjarat fil-forma ta' analiżi orizzontali. Kif intqal fit-taqsima 3.2, l-EMSA tista' tipprovdi pjattaforma unika għal diskussjonijiet tekniċi u tiffaċilita l-fehim reċiproku u l-konverġenza fil-fehmiet fost l-Istati Membri, u b'hekk tappoġġa lill-Kummissjoni biex tibda l-leġiżlazzjoni tal-UE u biex tiżgura l-koordinazzjoni tal-UE fir-rigward tal-politika internazzjonali u l-iżvilupp leġiżlattiv.

**Tikkonsolida l-appoġġ tal-EMSA lill-Kummissjoni għall-iżvilupp tal-atti legali tal-UE u dawk internazzjonali u għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom.**

## Tagħlim

It-tagħlim u l-iżvilupp professjonali huma ta' importanza kbira fl-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-esperti tal-Istati Membri u tal-operaturi fuq il-post. Is-seminars, il-*workshops*, il-webinars u l-jiem ta' informazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet u l-għodod online għandhom l-għan li jappoġġaw l-iżvilupp professjonali u l-perkorsi ta' kwalifika, billi jintużaw il-kompetenza esperta u l-għarfien uniċi preżenti fl-Aġenzija. L-Aġenzija se tiżviluppa approċċ modulari għat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali, billi tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti u tqis żviluppi oħra tal-UE bħall-Qafas ta' kwalifiċi Settorjali, għat-taħriġ tal-ispetturi tal-Istati tal-Bandiera, l-uffiċjali tal-Kontroll tal-Istat tal-port, l-Uffiċjali tal-Protezzjoni tal-Ambjent, il-persunal tat-Tfittxija u Salvataġġ, il-persunal tal-VTMIS u oħrajn simili.

It-teknoloġiji ġodda se jappoġġaw dan il-kunċett ġdid, bl-użu tat-Tagħlim mill-Bogħod u r-Realtà Virtwali, u b'hekk jappoġġaw il-ħtiġijiet ta' taħriġ u ta' bini tal-kapaċità tal-Istati Membri.

### Testendi u tifformalizza l-iskemi ta' taħriġ tal-EMSA



Taħriġ dwar it-tħejjija għall-IMSAS (Skema ta' Awditjar tal-Istati Membri tal-OMI), 20 ta' Novembru 2019



Taħriġ fil-ħiliet ewlenin għall-investigazzjoni ta' inċidenti, 27 ta' Ġunju 2019






## Mid-*data* għall-informazzjoni u mill-informazzjoni għall-għarfien

Tevolvi minn ġestjoni tad-*data* għal ġestjoni tal-informazzjoni, tibni għodod ġodda biex tanalizza d-*data*. L-Aġenzija qed tiġbor għadd ta' settijiet ta' *data* rikki f'oqsma marittimi differenti. B'għodod ġodda, parzjalment ibbażati fuq it-tagħlim awtomatiku, jistgħu jinħarġu aktar informazzjoni u servizzi derivati mid-*data* eżistenti għall-benefiċċju tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni.

Id-*data* dwar l-Investigazzjoni ta' Inċidenti mill-EMCIP u sorsi oħra disponibbli se jintużaw biex jappoġġaw l-analiżi tas-sikurezza u l-identifikazzjoni tal-oqsma ta' riskju, kif ukoll l-iżviluppi politiċi u leġiżlattivi.

Għandhom jiġu segwiti ġestjoni u analiżi aktar interattivi u integrati tad-*data* eżistenti għall-benefiċċju tal-partijiet interessati tal-EMSA. Per eżempju, jista' jkun previst li tiġi analizzata u tingħaqad id-*data* kollha disponibbli biex tingħata l-informazzjoni rispettiva għal bastiment f'ambjent wieħed sempliċement billi tagħfas fuq il-figura tal-bastiment fuq l-iskrin.

Tidentifika x-xejriet, ir-riskji, it-tagħlimiet u t-titjib għall-implimentazzjoni/leġiżlazzjoni. Pass modest huwa, per eżempju, il-Mapep tad-Densità tat-Traffiku u l-għodod ta' Monitoraġġ Awtomatizzat tal-Imġiba. Flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, jista' jiġi żviluppat aktar. Bħall-identifikazzjoni tal-hotspots għas-sikurezza marittima fl-ibħra Ewropej, dan jista' jsir ukoll għar-rimi intenzjonat fil-baħar, ix-xejriet f'tipi partikolari ta' traffiku marittimu, id-detezzjoni ta' mudelli ta' traffiku jew imġiba fil-baħar, *chained Automatic Behaviour Monitoring* biex jiġu ffiltrati l-bastimenti ta' interess, u twissijiet imfasslin apposta biex jissimplifikaw il-ħidma tal-awtoritajiet tal-gwardja tal-kosta.

Barra minn hekk, permezz tal-portal il-ġdid DONA (Dynamic Overview of National Authorities - Ħarsa Ġenerali Dinamika tal-Awtoritajiet Nazzjonali), l-Aġenzija se tkun tista' tipprovdi statistika u xejriet regolari mmirati għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri, biex tappoġġahom fil-kapaċità tagħhom bħala Stati tal-Bandiera, tal-Port u Kostali.

**Tespandi s-servizzi ta' informazzjoni biex tanalizza d-*data* u tidentifika x-xejriet u r-riskji biex tappoġġa s-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà**

## L-EMSA BĦALA SIEĦEB AFFIDABBLI

### Kooperazzjoni interaġenzjali dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta

Tutilizza s-saħħa tal-EMSA fl-għarfien marittimu, l-għarfien espert marittimu u l-istampa marittima fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni tal-gwardja tal-kosta. L-EMSA għandha tikkonsolida r-rwol tagħha bħala pilastru tas-sikurezza marittima, is-sigurtà u l-ambjent fil-qafas tal-kooperazzjoni interaġenzjali dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Filwaqt li aktar u aktar inizjattivi transsettorjali jiġu żviluppati mit-tliet aġenziji, l-EMSA se tkompli tippromwovi, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta. Il-prodotti u s-servizzi li jvarjaw mill-kondiviżjoni ta' informazzjoni għall-kapaċità ta' sorveljanza, mill-analiżi tar-riskju għall-bini tal-kapaċità se jservu komunità aktar wiesgħa. L-Aġenzija għandha tespandi l-portafoll tal-klijenti tagħha billi sservi aktar awtoritajiet u awtoritajiet ġodda fl-UE u lil hinn (per eżempju billi tespandi l-kunċett tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta għall-pajjiżi tal-PEV).

**Taħdem attivament mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd biex ittejjeb il-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta**



Attività Ewropea Annwali dwar il-Gwardja tal-Kosta, 15-17 ta' April 2019 - Il-Polonja

## Industrija

Issegwi l-aħħar teknoloġiji preoperattivi żviluppati mill-industrija u tbiddilhom f'servizzi għall-Istati Membri fejn rilevanti. Dan intwera li kien ta' suċċess bis-SAT-AIS u hemm opportunitajiet ġodda fuq ix-xefaq (eż. is-Sistema ta' Skambju ta' *Data* VHF tal-VDES). Fejn ikun possibbli u kif ikun rilevanti, simili għal dak li diġà sar bil-modulu dwar is-"sensibilizzazzjoni dwar iċ-sigurtà informatika marittima", xi moduli mill-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku jistgħu jiġu offruti lill-pubbliku in generali u lil partijiet interessati differenti.

**Taħdem attivament mal-industrija biex tiġġenera t-trasferiment tal-għarfien u tipprovdi pariri marittimi tekniċi mhux kummerċjali**

## Azzjonijiet iffinanzjati minn proġett

L-EMSA tissieħeb ma' għadd dejjem jiżdied ta' atturi fil-panorama marittima tal-UE permezz ta' sensiela ta' attivitajiet. Ħafna minn dawn jissejħu "Azzjonijiet iffinanzjati minn proġett" artikolati permezz ta' ftehimiet ma' Aġenziji oħra tal-UE jew il-Kummissjoni u arranġamenti distinti tar-riżorsi. Dawn l-azzjonijiet għandhom it-tendenza li jibnu fuq l-għarfien, l-għodod u s-servizzi eżistenti tal-Aġenzija biex iżidu l-valur għal entitajiet u komunitajiet rilevanti oħra tal-UE, u potenzjalment jikkumplimentaw jew jarrikkixxu dak li l-Aġenzija għandha x'toffri lill-partijiet interessati primarji tagħha, per eżempju direttament b'sorsi ta' *data* addizzjonali jew indirettament billi tikkontribwixxi għal ċiklu ta' innovazzjoni u titjib li jista' jġib benefiċċji fil-futur. Dan it-tip ta' kooperazzjoni jgħin biex jinħolqu sinerġiji u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi. L-azzjonijiet preżenti ffinanzjati minn proġett jinkludu Frontex SLA, EFCA SLA, is-Servizzi ta' Sorveljanza Marittima Copernicus, THETIS-MRV, THETIS-EU (Modulu tal-Kubrit), il-Proġett ta' Interoperabbiltà u l-Fażi Tranżitorja tas-CISE.

**Tfittex sinerġiji ma' korpi u komunitajiet kumplimentari tal-UE biex iżżid aktar valur għall-UE**

## Minn fruntieri għal baċini u reġjuni

Il-pajjiżi mhux tal-UE li jaqsmu baċini tal-baħar tal-UE għandhom impatt fuq is-sikurezza u s-sostenibbiltà ta' dawn il-baċini. L-EMSA tikkontribwixxi fil-kuntest tal-mekkaniżmi tal-IPA u tal-PEV biex ittejjeb il-livell ta' konformità mar-regoli internazzjonali u tiżviluppa l-kapaċità f'dawk il-pajjiżi, u b'hekk tappoġġa trasport marittimu aktar sikur u nadif madwar l-UE. Dan l-impenn se jkompli u huwa mistenni li jespandi kemm ġeografikament kif ukoll fl-ambitu, inkluż permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-baċir tal-baħar u kooperazzjoni msaħħa mal-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu u kostali fl-erba' reġjuni marittimi madwar l-Ewropa.

**Tappoġġa l-politiki tal-UE dwar il-viċinat u l-baċini tal-baħar biex jiġu livellati u armonizzati l-istandards**

# L-EMSA BĦALA REFERENZA INTERNAZZJONALI

## L-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-politika esterna

Issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-OMI, il-WMU, l-ODX, l-IALA. Billi tipprovdi għarfien espert tekniku b'appoġġ għall-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-EMSA tista' ttejjeb aktar il-kontribut tal-UE għal tbaħħir sikur u sostenibbli.

Bħala attur dejjem aktar rikonoxxut fl-arena marittima internazzjonali, l-Aġenzija tista' ssaħħaħ ukoll ir-relazzjonijiet tagħha ma' sħab internazzjonali bħall-OMI, l-ODX, il-WMU, eċċ., b'mod partikolari fil-qasam tal-bini tal-kapaċità.

Tinvestiga l-opzjonijiet biex tikkontribwixxi għal inizjattivi mmirati relatati mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ambjent marittimu jistgħu jkunu s-suġġett ta' inizjattivi mmirati ma' pajjizi li għalihom hemm politika tal-UE li toffri appoġġ fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u l-Aġenzija tista' tkun is-sieħeb tekniku biex tappoġġa dawn l-azzjonijiet.

**Issaħħaħ l-appoġġ tekniku u operattiv fejn l-EMSA tista' żżid il-valur għal politiki barranin rilevanti tal-UE**



Attività Ewropea Annwali dwar il-Gwardja tal-Kosta, 15-17 ta' April 2019 - Il-Polonja


It-Tieni Summit Globali dwar il-Gwardja tal-Kosta, 20-21 ta' Novembru 2019 - Tokyo, il-Ġappun

## L-EMSA BĦALA ĊENTRU TAL-GĦARFIEN





### *Data* miftuħa

Issaħħaħ il-massa kritika ta' informazzjoni marittima billi żżid tipi ġodda ta' informazzjoni u modi ġodda ta' proċessar/preżentazzjoni tal-informazzjoni, tiftaħ l-informazzjoni għal aktar utenti fid-dominju governattiv u lil hinn. It-tendenza ġenerali tal-gvernijiet hija li joffru *data* miftuħa lill-pubbliku inġenerali, eżempju tal-UE hija l-politika tad-*data* miftuħa ta' Copernicus.  L-ewwel eżempju tal-EMSA li jmur lil hinn mill-appoġġ tagħha lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni hija t-THETIS-MRV, li toffri għodda ta' rappurtar lill-industrija u lill-pubbliku. Fl-istess waqt, għaddejja diskussjoni biex tiġi stabbilita Stampa Marittima Pubblika (PMP). Din it-tendenza se tkompli u l-Aġenzija għandu jkollha l-kapaċita' li tipprovdi dan it-tip ta' servizz ukoll.

**Tipprovdi ċ-ċentru ċentrali tal-informazzjoni marittima tal-UE u l-punt ta' aċċess għad-*data* miftuħa**

### Ir-riċerka

L-EMSA se tkompli tiżviluppa l-għarfien tekniku fl-oqsma tas-sikurezza, is-sigurtà, il-klima u l-ambjent. L-Aġenzija għandha tappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riċerka marittima skont il-mandat tagħha fl-UE u fuq livell globali. L-inizjattivi li għaddejjin għandhom jiġu mmonitorjati u jistgħu jiġu organizzati avvenimenti f'intervalli regolari bħala opportunità għall-partijiet interessati biex jiltaqgħu u jaqsmu l-ideat. B'dan il-mod, l-Aġenzija tkun tista' tappoġġa lill-partijiet interessati fl-isforzi tagħhom biex isegwu l-iżviluppi u joħolqu valur miżjud billi jiffaċilitaw l-iskambju ta' għarfien.

**Tappoġġa l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda**





## 4.2 L-IDENTITÀ TAL-ORGANIZZAZZJONI

Timplimenta prinċipji ta' ġestjoni effiċjenti, trasparenti, INTELLIĠENTI, orjentati lejn il-klijent u bbilanċjati bejn is-sessi.

L-inizjattivi u l-kompiti msemmija hawn fuq jeħtieġu organizzazzjoni dinamika u flessibli biex takkomoda l-isfidi u l-opportunitajiet identifikati fil-paġni preċedenti.

L-għarfien espert tal-persunal tal-EMSA se jkompli jkun l-ixprun ewlieni għall-forniment tas-servizzi uniċi, l-assistenza teknika u l-appoġġ mill-Aġenzija lill-partijiet interessati ewlenin tagħha. B'dan il-mod, l-EMSA se taħdem biex tkun aktar effiċjenti u ekoloġika bħala organizzazzjoni kemm fil-proċessi interni kif ukoll fil-mod kif tinteraġixxi mal-partijiet interessati esterni.

L-użu akbar ta' task forces biex jiġu sfruttati ħiliet speċifiċi fl-Aġenzija għall-aqwa riżultati se jkun mod kif tirrispondi għaż-żieda fil-varjetà u fil-kumplessità tal-kwistjonijiet li tittratta ta' kuljum. Flimkien ma' livell akbar ta' diġitalizzazzjoni, dan se jippermetti lill-EMSA tkun aktar aġli biex tadatta għall-ambjent ta' ħidma tal-ġejjieni.

L-Aġenzija ħadet ukoll miżuri biex iżżid il-bilanċ bejn is-sessi sabiex l-opportunitajiet indaqs ikunu fattur ċar fl-ambjent tal-EMSA.



Il-persunal tal-EMSA jingħaqad f'sessjoni ta' tindif tal-bajjiet madwar l-UE kollha, 20 ta' Settembru 2019

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima

**Krediti għar-ritratti:** Monty Rakusen/GettyImages.com; Travel mania /shutterstock.com; jorisvo/shutterstock.com; Anton Balazh/shutterstock.com; corlaffra/shutterstock.com; EpicStockMedia/shutterstock.com; donvictorio/shutterstock.com; Oleksandr Kalinichenko/shutterstock.com; symbiot/shutterstock.com; tonton/shutterstock.com; T-Design/shutterstock.com; rasti sedlak/shutterstock.com; Peter Krocka/shutterstock.com; AlexKolokythas/shutterstock.com; Ververidis Vasilis/shutterstock.com; Photomarine/shutterstock.com; jirapong/shutterstock.com; ImmersionImagery/shutterstock.com; Aytug askin/shutterstock.com; Zerocreatives/iStock.photo.com; Copernicus Sentinel data(2019); Igor Kardasov/shutterstock.com; mkos83/iStock.photo.com; Il-persunal tal-EMSA.






## DWAR
## L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIKUREZZA MARITTIMA

L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima hi waħda mill-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni Ewropea. L-agenzija hi bbazata f'Lisbona u, l-missjoni taghha hi li tiżgura livell għoli ta' sikurezza marittima, sigurtà marittima, prevenzjoni u rispons għat-tniġġis mill-bastimenti, kif ukoll rispons għat-tniġġis tal-baħar minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. L-għan ġenerali hu li tippromwovi settur marittimu sigur, nadif u ekonomikament vijabbli fl-UE.



### Agħmel kuntatt għal aktar informazzjoni


**European Maritime Safety Agency**
Praça Europa 4
Cais do Sodré
1249–206 Lisboa
Il-Portugall

Tel +351 21 1209 200 / Fax +351 21 1209 210
emsa.europa.eu / Twitter@EMSA_Lisbon